# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' Frar 2016**

**Numru 1**

**Rikors numru 20/04 GCD**

**St.George's Park Company Limited**

**v.**

**Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima,**
**Ir-Registratur tal-Qorti u P.L. Rose Sciberras**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fit-13 ta' Marzu 2014 fl-atti tar-rikors numru 21 tal-2010 fl-ismijiet: **St.George's Park Company Limited v. Avukat Generali, Registratur tal-Qrati, u Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, PL Edgar Montanaro u PL Rose Sciberras, ghal kull interess li jista' jkollhom** li permezz taghha gie

deciz hekk – is-sentenza qed tigi riprodotta fl-intier taghha ghall ahjar intendiment;

“**<u>Preliminari</u>**

**1.** “Dawn huma żewġ appelli, wieħed mill-konvenuti appellanti Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, P.L. Edgar Montanaro u P.L. Rose Sciberras għal kull interess li jista’ jkollhom, u l-ieħor mill-Avukat Ġenerali, minn sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, fis-26 ta’ Ġunju 2013 li permezz tagħha dik il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati (ħlief kif se jingħad aktar tard), u laqgħet it-talba tas-soċjeta` rikorrenti billi ddeċidiet li t-tieni parti tas-sentenzi msemmija fir-rikors kisret id-dritt fundamentali tas-soċjeta` rikorrenti billi ma kellhiex smigħ xieraq fir-rigward imħares mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u għalhekk iddikjarat bla effett dik il-parti tas-sentenza msemmija fejn ġew deċizi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti, u ħalliet bla mittiefsa biss il-parti tal-istess sentenzi fejn il-Qorti tal-Appell ordnat is-smigħ mill-ġdid tal-kawżi inkwistjoni, bl-ispejjeż tal-kawża bla taxxa jinqasmu bejn il-partijiet.

“*Ir-rikors tal-appell tal-konvenuti appellanti Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, P.L. Edgar Montanaro u P.L. Rose Sciberras*

**2.** “Fir-rikors tal-appell tagħhom, il-konvenuti appellanti Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, P.L. Edgar Montanaro u P.L. Rose Sciberras talbu lil din il-Qorti sabiex, għar-raġunijiet premessi fl-istess rikors, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u sabiex għalhekk tiċħad it-talba tas-St. George’s Park u tikkonferma d-deċiżjoni ta’ ritrattazzjoni mogħtija fil-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Ottubru 2009, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` St. George’s Park Company Limited.

“*Ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali*

**3.** “Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Onorabbli Qorti Ċivili Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet premessi deċiża fis-26 ta’ Ġunju 2013, u tilqa’ l-appell tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellata.

“*Ir-rikors promotorju tas-Soċjeta` St. George’s Park Company Limited*

**4.** “Bir-rikors tagħha tal-4 ta’ Marzu 2010 is-soċjeta` appellata St. George’s Park Company Limited talbet lill-ewwel Onorabbli Qorti:

"(1) Tiddikjara li l-procedura adoperata fil-kawzi fl-ismijiet **St. George's Park Company Limited v. Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, ir-Reġistratur tal-Qorti u P.L. Rose Sciberras** (Rikors Numru 20/2004) u **St. George's Park Company Limited v. Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, ir-Reġistratur tal-Qorti u l-P.L. Edgar Montanaro** (Rikors Numru 21/2004) it-tnejn deċiżi mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009 illediet id-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrenti hekk kif protett f'Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; u

"(2) Sussegwentement tagħti dak ir-rimedju li jidhrilha xieraq u opportun fosthom li tiddikjara l-istess sentenzi bħala nulli u / jew li m'għandhomx effett għall-finijiet u effetti kollha fil-liġi u għalhekk mhux ezegwibbli.

**5.** "Il-premessi fir-rikors promotorju tal-ġudizzju li fuqhom ir-rikorrenti appellanti bbażat it-talbiet tagħha huma s-segwenti:

"Illi dan huwa rikors għal rimedju Kostituzzjonali minhabba ksur tad-dritt għas-smiegħ xieraq li qed jigi intavolat wara zewg (2) sentenzi decizi mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li gew mogħtija fl-istess gurnata f'zewg kawzi li nstemgħu flimkien.

"Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-4 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet *St. George's Park Company Limited v. Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, ir-Registratur tal-Qorti u P.L. Rose Sciberras*, (Rikors Numru 20/2004) dik l-Onorabbli Qorti kienet ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2005 fejn iddikjarat taxxa tad-drittijiet tal-avukati difensuri tagħha fil-proceduri Citazzjoni Numru 2836/1999 bhala nulla.

"Illi sussegwentement għal tali sentenza finali, l-intimati Registratur tal-Qorti, Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, u P.L. Rose Sciberras kienu ressqu proceduri ta' ritrattazzjoni tal-imsemmija sentenza li giet deciza permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009.

"Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell ukoll fl-4 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet *St. George's Park Company Limited v. Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, ir-Registratur tal-Qorti u l-PL Edgar Montanaro* (Rikors Numru 21/2004) dik l-Onorabbli Qorti kienet irrevokat sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2005 u ddikjarat taxxa għad-drittijiet ta' l-avukati difensuri tagħha fil-proceduri Citazzjoni Numru 2736/1999 bhala nulla.

"Illi sussegwentement għal tali sentenza finali, l-intimati Registratur tal-Qorti, Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, u P.L. Edgar Montanaro kienu ressqu proceduri ta' ritrattazzjoni tal-imsemmija sentenza li giet deciza permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009.

"Illi z-zewg proceduri għal ritrattazzjoni kienu qegħdin jigu mismugħa fl-istess seduta u dan billi kienu jittrattaw mertu simili u l-partijiet kienu l-

istess, tant li hekk kif jidher mill-verbal redatt fis-17 ta' Marzu 2009 fil-proceduri għal ritrattazzjoni li jgibu n-numru 20/2004 anke t-trattazzjoni taz-zewg kawzi saret flimkien.

"Illi wara li saru d-debiti notifiki il-proceduri bin-numru 21/2004 gew trattati mill-partijiet fis-seduta tad-9 ta' Frar 2009, filwaqt li l-proceduri bin-numru 20/2004 ma gewx trattati b'mod separat izda fil-verbal tas-17 ta' Marzu 2009 saret riferenza għat-trattazzjoni li kienet saret mill-partijiet fil-kawza bin-numru 21/2004 u gie miftiehem li dik it-trattazzjoni tintuza wkoll għal dawn il-proceduri.

"Illi fit-trattazzjoni mressqa mid-difensuri rispettivi tal-partijiet giet trattata l-kwistjoni ta' jekk hemmx lok għal ritrattazzjoni fiz-zewg proceduri in kwistjoni u ma giex trattat il-mertu tal-kawzi li t-trattazzjoni tagħhom kienet qiegħda tigi mitluba fid-dawl tat-talbiet għal ritrattazzjoni; dan sar billi l-ligi stess f'artikolu 820 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jirrikjedi li l-kwistjoni ta' jekk hemmx lok għal ritrattazzjoni għandha tigi deciza u mismugħa separatament mill-mertu tal-kaz li tiegħu tkun giet ordnata r-ritrattazzjoni, hekk kif ukoll gie stabbiliet mill-kazistika tal-Onorabbli Qrati;

"Illi inoltre meta kienet qiegħda ssir it-trattazzjoni l-Onorabbli Qorti ma ddirigietx lid-difensur tar-rikorrenti St. George's Park Company Limited sabiex jitratta ukoll il-mertu tal-kaz li ritrattazzjoni tiegħu kienet qiegħda tigi mitluba.

"Illi pero bis-sentenzi fuq imsemmija mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2009 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ddecidiet permezz ta' l-istess sentenza kemm il-kwistjoni jekk hemmx lok għal ritrattazzjoni kif ukoll il-mertu ritrattat. Kif indikat fis-sentenzi stess, dik l-Onorabbli Qorti għamlet hekk fuq l-assunzjoni li l-partijiet kienu ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom fuq il-mertu ritrattat, fatt illi ma jirrizulta mkien mir-rizultanzi processwali.

"Illi dan wassal għal cirkostanzi fejn ir-rikorrenti St. George's Park Company Limited ma ngħatatx smiegħ xieraq għaliex ma ngħatatx l-opportunita' li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha u li titratta il-kwistjonijiet fir-rigward tal-mertu ritrattat. B'hekk St. George's Park Company Limited giet imcahhda milli tagħmel dawk is-sottomissjonijiet li hija kellha xi tressaq fuq il-mertu ritrattat fid-dawl tad-decizjoni tal-Qorti li ippermettiet ir-ritrattazzjoni.

"Illi tali konsegwenzi wasslu sabiex is-socjeta' rikorrenti St. George's Park Company Limited ma tingħatax smigħ xieraq skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea billi fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili u obbligi tagħha hija giet imcahhda milli tressaq s-sottomissjonijiet tagħha fuq il-mertu ritrattat u tressaq is-sottomissjonijiet tagħha fid-dawl tad-decizjoni tal-qorti li ordnat ir-ritrattazzjoni.

"Illi għal kull bwon fini jigi rilevat illi sussegwentement għas-sentenzi fuq imsemmija, l-esponenti St. George's Park Company Limited hallset [b'rizerva li titlob il-hlas lura f'kaz legittimu] lill-intimat Dr. Hugh Peralta li accetta tali hlas b'din ir-rizerva, is-somma komplessiva ta' €286,409.09

li tinkludi drittijiet gudizzjarji u mgħaxijiet skond it-taxxi konfermati fis-sentenzi msemmija oltre imgħaxijiet u spejjez gudizzjarji."

"*Ir-risposta tal-appellat Avukat Ġenerali għar-rikors promotorju*

**6.** "Permezz ta' risposta tas-17 ta' Marzu 2010 l-Avukat Ġenerali wieġeb għar-rikors promotorju kif ġej:

"Preliminarjament jingħad li din hija risposta preliminari, stante li l-esponent kien notifikat bir-rikors promutur fis-16 ta' Marzu 2010 u ma kellux bizzejjed hin biex jezamina fid-dettall l-atti tal-kawza Rik 20/2004 u 21/2004. Għalhekk l-esponent jirrizerva li jipprezenta risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz, wara li jkollu din l-opportunita'.

"Preliminarjament, u stante li l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija dwar dak li sehh fi proceduri civili ohra, għandhom ikunu allegati l-atti tal-proceduri Rik 20/2004 u 21/2004 biex hekk din l-Onorabbli Qorti jkollha l-istorja shiha ta' dak li sehh f'dawn il-proceduri.

"Illi fil-mertu jingħad li m'hemm l-ebda ksur tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni u dan għar-ragunijiet segwenti.

"Illi jingħad li r-rikorrenti ma specifikawx liema aspett tad-dritt ta' smigħ xieraq qed jallegaw li nkisrilhom, u għalhekk ir-rikorrenti għandhom jispjegaw dan fid-dettall.

"Illi hija gurisprudenza kostanti u twila tal-Qrati Maltin u tal-Qorti ta' Strasbourg li biex ikun ezaminat jekk kienx hemm smigħ xieraq fi proceduri, trid tkun ezaminata t-totalita' tal-procedura u mhux mument partikolari minnha. Il-Qrati marru anke oltre u qalu li anke jekk għall-grazzja tal-argument, ikun hemm xi irregolarita' procedurali f'xi process (haga li mhi bl-ebda mod ammessa hawn), lanqas f'dawk ic-cirkustanzi ma jkun hemm necessarjament ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. Ahseb u ara fejn kollox ikun mexa skont il-ligi.

"Illi hu magħruf li fi stadju ta' ritrattazzjoni, kawza civili tkun matura għall-ahhar u jista' jagħti l-kaz li l-Qorti kellha bizzejjed materjal f'idejha biex tasal tiddeciedi dwar il-mertu tar-ritrattazzjoni innifisha mingħajr ma kellha bzonn tisma' lill-partijiet oralment. Id-dritt ta' smigħ xieraq ma jagħtix id-dritt ta' sottomissjonijiet verbali jew bil-miktub. Hija din ir-raguni għaliex irid ikun ezaminat l-assjem tal-proceduri. Jingħad ukoll li dan hu relatat mal-mertu tal-kaz. Il-mertu tal-proceduri in kwistjoni huma proceduri dwar taxxa ta' spejjez u l-kumplessita' tal-kawza għalhekk hija minima.

"Illi hu ukoll magħruf li meta ssir trattazzjoni dwar jekk Qorti għandhiex tisma kawza ta' ritrattazzjoni, hafna drabi dik it-trattazzjoni tincidi wkoll fuq il-mertu tar-ritrattazzjoni nnifisha. Għalhekk dak li qed jgħidu r-rikorrenti mhux daqstant verosimili.

"Illi jekk din il-kawza qiegħda ssir għax ir-rikorrenti ma qablux mad-decizjoni mogħtija fil-proceduri ta' ritrattazzjoni, l-esponent jissottometti li s-semplici fatt li xi hadd ma jaqbilx ma' decizjoni

mogħtija fil-konfront tiegħu, ma jfissirx fih innifsu li hemm ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq.

"Salv eccezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ."

"*Ir-Risposti ta' Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Azzopardi*

**7.** "L-appellati Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Azzopardi ppreżentaw risposti separati iżda identiċi fid-29 ta' April 2010 u fit-30 ta' April 2010 rispettivament, biż-żewġ risposti wkoll sottoskritti minnhom it-tnejn bħala avukati, li permezz tagħhom talbu lill-ewwel Qorti tiċħad it-talba tas-soċjeta` St. George's Park Co Ltd. u tikkonferma s-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2009 mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **St. George's Park Company Limited v. Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, Ir-Reġistratur tal-Qorti u l-P.L. Edgar Montanaro** (Ċit Nru 21/2004) u **St. George's Park Company Limited v. Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, ir-Reġistratur tal-Qorti u l-P.L. Rose Sciberras** (Cit Nru 20/2004) fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-intimati, u dan fuq l-iskorta tal-premessi li ġejjin:

"Illi l-imsemmija sentenzi ingħataw fis-6 ta' Ottubru 2009 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell wara talba għar-ritrattazzjoni fil-kawzi fl-ismijiet "St. George's Park Company Limited vs. Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, Ir-Registratur tal-Qorti u l-P.L. Edgar Montanaro" (Rik Nru 21/2004) u "St. George's Park Company Limited vs. Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, Ir-Registratur tal-Qorti u l-P.L. Rose Sciberras" (Rik Nru 20/2004).

**"1. Fatti**

"Illi fil-qosor, il-kwistjoni involuta bejn il-partijiet hija dwar it-tassazzjoni tad-drittijiet għall-prestazzjoni professjonali minn Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Azzopardi Grima lis-socjeta St. George's Park Company Limited fil-kawzi fl-ismijiet "St. George's Park Company Limited vs. Premier Investments Limited" citazzjoni numru 2736/99 GCD u "St. George's Park Company Limited vs. Clouds Catering Limited et" 1908/00/GV.

"Illi r-Registratur tal-Qorti kien hareg zewg taxxi tal-ispejjez u drittijiet, dovuti lill-esponenti minn St. George's Park, wahda fir-rigward ta' citazzjoni numru 2736/99 GCD u l-ohra fir-rigward ta' citazzjoni numru 1908/00/GV.

"Illi St. George's Park attakkaw dawn iz-zewg taxxi mahruga mir-Registratur tal-Qorti permezz ta' zewg proceduri separati (hawn fuq imsemmija): rikors numru 20/2004, li nstema quddiem l-Imhallef Gannino Caruana Demajo, u rikors numru 21/2004, li nstema quddiem l-Imhallef Tonio Mallia.

"Gara illi rikors numru 21/2004 TM gie deciz b'digriet mogħti fit-28 ta' April 2005 filwaqt li rikors numru 20/2004 GCD gie deciz fid-9 ta' Gunju 2005. Filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti preseduta mill-Onor Imhallef Tonio Mallia fir-rikors numru 21/2004 TM cahdet it-talba ta' St. George's Park u ikkonfermat il-korrettezza tat-taxxa mahruga mir-

registratur tad-drittijiet fl-atti tac-citazzjoni numru 1908/00 GV, fir-rikors l-iehor (dwar it-taxxa tal-kawza l-ohra) l-istess Onorabbli Prim'Awla diversament preseduta mill-Onor Imhallef Gannino Caruana Demajo laqgħet it-talba magħmula fir-rikors 20/2004 GCD u ordnat li tithassar it-taxxa tad-drittijiet fl-atti tac-citazzjoni numru 2736/1999.

"It-taxxi kienu dwar zewg kawzi separati fejn St. George's Park talbu it-terminazzjoni tal-kirja ta' zewg inkwilini differenti; f'zewg fondi differenti. Fir-Rikors numru 21/2004 TM gie deciz illi il-kwantum kif jigi stabilit l-ammont in diskussjoni, liema a bazi tiegħu jigi stabilit id-dritt, kien il-kera annwali moltiplikata bil-perjodu rimanenti tal-kera. Fir-Rikors 20/2004 GCD, il-fuq imsemmi "perjodu" rimanenti tal-kera gie ridott għall-25 sena, bhal kif tinhadem it-tariffa f'terminazzjoni ta' enfitewsi.

"B'hekk l-Ewwel Onorabbli Qorti preseduta mill-Imhallef Caruana Demajo laqgħet it-talba ta' St. George's Park, filwaqt li l-istess Qorti preseduta mill-Imhallef Mallia cahdet it-talba tal-istess socjeta. Zewg kawzi (u taxxi relativi) b'meriti identici, izda b'ezitu differenti.

"L-esponenti, Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Grima hassew ruhhom aggravati bis-sentenza mogħtija mill-Imhallef Caruana Demajo ta' 9 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet "St. George's Park Company Limited vs. Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, Ir-Registratur tal-Qorti u P.L. Rose Sciberras" rikors numru 20/2004 u intavolaw appell.

"L-istess għamlu St. George's Park fis-sens oppost. Huma ntavolaw appell mis-sentenza (Rikors 21/2004) mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qortipreseduta mill-Imhallef Tonio Mallia.

"Permezz ta' zewg sentenzi mogħtija fl-4 ta' Lulju 2008, l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeciediet billi cahdet l-appell ta' Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Azzopardi Grima (Rikors 21/2004 TM), filwaqt li ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Imhallef G. Caruana Demajo (Rikors 20/2004/GCD).

"Illi sussegwentement Dr. Hugh Peralta u Dr. Noella Azzopardi Grima intavolaw rikors għar-ritrattazzjoni ta' dawn iz-zewg kawzi a bazi ta' Artikolu 811(c) tal-Kap 12. Gie sottomess illi r-raguni u d-dritt li jkun hemm ritrattazzjoni hu għaliex il-Qorti tal-Appell fid-decizjonijiet tagħha tal-4 ta' Lulju 2008, applikat l-Artikolu 749 (gja Art 750) tal-Kodici tal-Procedura Civili minflok l-Artikolu 755 u 756 (i) tal-istess Kodici u għalhekk id-dritt ta' ritrattazzjoni jezisti taht l-Artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12 tal-Kodici Civili; il-ligi hija cara u m'hemmx lok għall-interpretazzjoni ohra għajr dik literali.

"Permezz ta' zewg sentenzi mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2009, l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidiet, dwar it-talba għall-ritrattazzjoni, illi "*r-rikorrenti ssodisfaw il-provedimenti tal-Artikolu 811(e) tal-Kap 12 kif ukoll dak li hemm provdut fl-Artikolu 816 tal-istess kodici u l-aggravji u ragunamenti mressqa huma tali li jiggustifikaw li l-kawza tigi trattata a tenur tal-Artikolu 811(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*."

"Konsegwentement din il-Qorti irrexindiet iz-zewg sentenzi mogħtija minn din il-Qorti tal-4 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet "St. George's Park Company Limited vs. Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, Ir-Registratur

tal-Qorti u P.L. Edgar Montanaro" u "St. George's Park Company Limited vs. Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, Ir-"Registratur tal-Qorti u P.L. Rose Sciberras" għall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

"Sussegwentement, fit-tieni stadju, l-Qorti għaddiet biex tiddiskuti u tiddeciedi il-mertu. Għaldaqstant reggħet ezaminat l-kawza numru 20/2004 u 21/04 biex tiddeciedi jekk hemmx ragunijiet li jiggustifikaw konkluzjoni differenti minn dawk milhuqa mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Lulju 2008 a bazi tal-fatti li rrizultaw mill-proces u r-ragunamenti presentati fit-talba ta' ritrattazzjoni. Fil-fatt għar-ragunijiet mogħtija, il-Qorti waslet biex warrbet is-sentenza tal-Imhallef Caruana Demajo u kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Imhallef Tonio Mallia fit-totalita tagħha.

"Dan l-"iter" – u konkluzjoni kontra l-interess ta' St. George's Park – wassal biex St. George's Park intavolaw ir-rikors kostituzzjonali odjern. Illi l-imsemmija kumpanija qed tallega illi fit-trattazzjoni mressqa mid-difensuri rispettivi tal-partijiet giet trattata l-kwistjoni ta' jekk hemmx lok għal ritrattazzjoni fiz-zewg proceduri in kwistjoni, izda li ma giex trattat il-mertu tal-kawzi in kwistjoni; illi dan wassal għal cirkostanzi fejn ir-rikorrent St. George's Park ma ngħatatx smigħ xieraq għaliex ma ngħatatx l-opportunita' li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha u li titratta il-kwistjonijiet fir-rigward tal-mertu ritrattat.

"Illi St. George's Park qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-procedura adoperat fiz-zewg kawzi – rikors 20/2004 u rikors 21/2004 (decizi fi proceduri ta' ritrattazzjoni) fis-6 ta' Ottubru 2009, illediet d-dritt għal smigħ xieraq tal-istess St. George's Park u liema socjeta qed titlob rimedju opportun fosthom dikjarazzjoni li l-istess sentenzi huma nulli, bla effett u mhux ezegwibbli.

"Illi jirrizulta car mir-rikors odjern li St. George's Park mhux qed tagħmel l-ebda ilment dwar it-trattazzjoni fuq il-punt dwar għandux jkun hemm dritt għall-ritrattazzjoni jew meno. Dan il-punt gie trattat ampjament u b'mod komplut.

"**Inkorrettezza tat-talba ta' St. George's Park fir-rikors odjern.**

"Illi preliminarjament l-esponenti jissottomettu li t-talba tas-St. George's Park fir-rikors odjern u cioe fejn jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti "….. tagħti dak ir-rimedju li jidhrilha xieraq u opportun fosthom li tiddikjara l-istess **sentenzi bhala nulli u/jew li m'għandhomx effett għall-finijiet u effetti kollha fil-ligi u għalhekk mhux ezegwibbli**," hija irritwali u inkorretta għall-ragunijiet s-segwenti:

> "(i) Illi gialadarba ma hemm l-ebda kontestazzjoni illi l-punt dwar jekk hemmx lok jew le għall-ritrattazzjoni gie ttrattat ampjament u b'mod komplut, il-kumpanija St. George's Park ma tistax titlob illi s-sentenza fit-totalita' tagħha inkluz dik il-parti mogħtija fl-ewwel stadju ta' dawn il-proceduri (propju dwar dan il-punt jekk tezistix bazi għar-ritrattazzjoni jew le) tigi dikjarata nulla u mhux ezegwibbli. Eppure St. George's qed titlob illi s-sentenzi, fl-intier tagħhom, tal-Qorti tal-Appell datati 6 ta' Ottubru 2009, jigu revokati. Dan meta jammettu illi parti mis-sentenza (u cioe dik dwar l-ittrattar tal-validita tar-rittrattazjoni) giet totalment ittrattata.

"(ii) Matul is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2004, fl-atti tal-kawza tar-Rikors 20/2004, il-partijiet iddikjaraw illi "*jaqblu illi l-kwistjoni wahdanija f'din il-kawza hija jekk id-dritt intaxxat ad valorem fuq il-lokazzjoni għandux jinhadem fuq massimu ta' hamsa u għoxrin sena jew inkella għandux jinhadem fuq iz-zmien kollu li fadal mill-kirja ukoll jekk dan huwa ta' aktar minn 25 sena*", kopja tal-verbal tal-imsemmija seduta hawn anness dok A.

"Għalhekk St. Georges qed jaccettaw illi meta d-dritt jigi kalkolat dan għandu jkun fuq kwantum ta' kera anwali moltiplikata b'25 (sena) – izda mhux b'izjed u cioe ir-ramenenti perjodu, f'dan il-kaz circa 80 sena.

"Il-vera kontestazzjoni ta' St. Georges hija li l-moltiplikazzjoni m'għandhiex issir għall-ammont in eccess tal-25 (sena).

"Illi in vista tal-imsemmija verbal, it-talba tas-St. George's Park hija inkorretta wkoll għaliex l-istess kumpanija ma tistax issa titlob illi l-imsemmija sentenzi jigu dikjarati nulli fit-totalita tagħhom meta s-St. George's Park tammetti li dritt intaxxat ad valorem fuq il-lokazzjoni mahdum fuq hamsa u għoxin huwa dovut lill-esponenti.

"Għalhekk, għar-ragunijiet hawn fuq imsemmija St. George's Park, ma setgħux jitolbu illi l-imsemmija sentenzi jigu mhassra fl-intier tagħhom; setgħu se mai – u kien imisshom – jitolbu li jigu parzjalment revokati.

"Għaldaqstant it-talba fir-rikors odjern għandha tigi michuda fit-totalita tagħha.

"**2 (a) Kap 12, Art. 820 – Il-kawża tiġi "mismugħa mill-ġdid fil-mertu".**

"St. George's qed jibbazaw it-talba tagħhom fuq allegat nuqqas ta' smigħ xieraq u cioe illi l-procedura ta' ritrattazzjoni ma saritx skond dak li hemm provdut f'Artikolu 820 tal-Kap 12 li jgħid:

*""(1) Meta t-talba għar-ritrattazzjoni tigi milqugħa bit-thassir tas-sentenza attakkata, il-kawza tigi* ***mismugħa mill-gdid fil-meritu****, fl-istess gurnata jew f'ohra li tiddestina l-qorti.*

*"(2) Izda, fuq talba għar-ritrattazzjoni għandha tingħata dejjem sentenza separata."*

"Tajjeb illi wiehed jezamina r-raguni ta' dana l-artikolu, ezistenti fil-Kodici gia minn 1886. Dana l-artikolu huwa maqsum f'zewg partijiet. L-ewwel li jigi deciz li hemm raguni valida għar-ritrattazzjoni, imbagħad li r-ritrattazzjoni tigi mismugħa. It-tieni parti ta' dana ir-ritwal procedurali jsir biss u jekk fl-ewwel parti l-Qorti tkun accettat illi hemm lok għar-ritrattazzjoni. Għalhekk qed nitkellmu fuq process wiehed f'zewg stadji. Dan l-artikolu huwa intiz semplicement sabiex jigi evitat it-tieni stadju tal-proceduri – xogħol, hin u spejjes tal-partijiet u għall-Qrati zejda – jekk ir-raguni għar-ritrattazzjoni ma tigix akkolta.

"Dina l-procedura hija illum ezistenti fil-legislazzjoni tagħna għar-rigward tal-permess mogħti sabiex f'certi kazi, jigi permess u awtorizzat li jsir appell minn decizjoni.

“Oltre dan il-process sabiex issir ekonomija fix-xogħol tal-Qorti, u ma jkunx hemm hela ta’ hin, xogħol, flus, energija, dan l-artikolu jipprovdi li jkun hemm smigħ fil-mertu. Gia minn 1886 kien hemm il-protezzjoni li sussegwentement giet introdotta kostituzzjonalment.

“Illi l-esponenti jissottomettu illi dan id-dritt ta’ smiegħ gie rispettat f’dawn il-proceduri u mhux minnu li St. George’s Park giet imcahhda milli tressaq s-sottomissjonijiet tagħha fuq il-mertu ritrattat. L-esponenti ma jaqblux ma din it-tezi u jirrispingu l-istess bil-qawwa kollha. L-esponenti jissottomettu illi dan mhux hlief attentat iehor biex l-kumpanija St. George’s Park tipprova tehles mill-obbligu tagħha ta’ hlas dovut lill-esponenti.

“Illi fil-fatt fil-proceduri ta’ ritrattazzjoni saret trattazzjoni kemm dwar hemmx lok għall-ritrattazzjoni jew le, kif ukoll dwar il-mertu. Tant hu hekk illi fil-fatt il-partijiet kollha ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar iz-zewg punti hawn fuq imsemmija. Kien car għall-partijiet kollha involuti f’dawn il-proceduri – Dr. Hugh Peralta, Dr. Victor Borg Grech, Dr. Joe Camilleri għas-St. George’s Park u Dr. Francesco Depasquale għar-Registratur tal-Qorti – illi fil-fatt kienet qed issir trattazzjoni, - kemm dwar jekk hemmx kaz għall ritrattazzjoni u kif ukoll dwar il-mertu.

“Illi l-esponent Dr. Hugh Peralta waqt din is-seduta ipprezenta s-sottomissjonijiet tiegħu mhux biss dwar il-bazi għaliex għandha issir ritrattazzjoni izda wkoll dwar il-validita’ tat-taxxa (ibbazata fuq il-fatti tac-citazzjoni u dak li hu stipulat dwar it-tariffa fil-KOPC) mahruga mir-Registratur tal-Qorti kif sopra imsemmija u attakkata minn St. George’s Park.

“Illi l-esponent ittratta l-kwistjoni ta’ “antinomia” mqajjma fis-sentenza ta’ l-Imhallef Caruana Demajo biex bir-rispett jissottometti li fil-kaz in kwistjoni japplika l-artikolu tat-tariffa specifiku dwar intaxxar ta’ dritt tal-avukat f’kawza ta’ terminazzjoni ta’ **kera** u mhux l-artikolu l-iehor li jitkellem dwar terminazzjoni ta’ **cens**; illi dan ma jwassal għall-ebda antinomia jew kontradizzjoni fil-ligi; għamel ukoll distinzjoni ta’ sitwazzjoni li fuqha tezisti legislazzjoni specifika ma kaz fejn ma tezistix ligi partikolari, u allura tigi applikata b’analogija ligi li tipprovdi għall-kaz iehor simili għas-sitwazzjoni in kwistjoni.

“Illi dwar it-tariffi tad-drittijiet tal-avukati, l-esponent issottometta illi filwaqt li artikolu 749 japplika għall-kaz ta’ terminazzjoni ta’ cens, huwa artikolu 755 li japplika fil-kaz ta’ terminazzjoni ta’ kuntratt ta’ kera bhal fil-kaz in kwistjoni. L-esponent għamel referenza għall-obbligi ta’ sid il-kera taht il-Kodici Civili, u ssottometta illi dawn l-obbligi ma jistgħux japplikaw għall-istitut ta’ cens għaliex huma regoli li jirregolaw kuntratt ta’ kera u mhux tac-cens. Issottometta li similment l-artikoli li japplikaw fl-istituzzjoni tal-enfitewsi ma jistgħux jigu applikati f’kaz p.ez ta’ lokazzjoni jew mezzadria. Saret referenza għall-art 1002 Kodici Civili dwar l-interpretazzjoni tal-Kuntratti li jgħid li m’hemmx lok għal-interpretazzjoni meta s-sens tal-kliem huwa car. Għall-posizzjoni f’dan ir-rigward taht il-ligi Taljana, Ingliza u Amerikana u giet ikkwotata lill-Qorti – u anki moqrija fl-Awla – l-artikolu tal-Ligi Taljana u opinjonijiet mogħtija minn avukati Inglizi u Amerikani – liema punti mhumiex inkluzi fir-Rikors miktub għar-ritrattazzjoni.

"Illi St. Georges kellhom bhala difensuri legali tagħhom Dr. V. Borg Grech u Dr. Joe Camilleri ta' Mamo TCV. Illi dawn abilment verbalment ittrattaw kemm il-punt dwar jekk jezistix lok għall-ritrattazzjoni kif ukoll il-mertu tal-kawzi. Ovvjament il-posizzjoni tagħhom kienet izjed facli u semplici stante d-decizjoni favorevoli tal-appell. Issottomettew illi l-ligi li tirregola din il-materja giet korrettement applikata u li m'għandhiex tigi applikata ligi ohra (dan għar-rigward tal-artikoli in kwistjoni fit-tariffa); ittrattaw ukoll il-mertu u qalu illi l-ligi li hija applikabbli fil-fatt giet korrettament applikata u li allura d-decizjoni tal-appell għandha ssehh. Din it-trattazzjoni saret fl-intier tagħha kif solitament issir – anki bir-replika u kontro-replika. Hadd ma jista' jgħid li ma kellux id-dritt – jew li ma tkellimx – ampjament u estensivament dwar iz-zewg punti. St. George's Park dejjem kienet rapprezentata waqt is-seduti li saru u r-rapprezentanti tagħha kellhom kull opportunita li jagħmlu is-sottomissjonijiet kollha li jidhrilhom, kif fil-fatt gara.

"**2 (b) żewġ sentenzi – żewġ deċizjonijiet**

"Dwar it-tieni aspett jingħad illi fil-fatt l-Qorti harget b'zewg sentenzi, - anki jekk f'dokument wiehed. Wahda fl-ewwel stadju tas-sentenza meta ikkunsidrat u ddecidiet li jezistu ragunijiet bizzejjed biex s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Lulju 2008 jigu mwarrba; u l-ohra fit-tieni stadju tas-sentenza meta l-Qorti ezaminat b'mod separat il-mertu tal-kawzi ritrattati u ddecidiet fuq l-istess.

"Inoltre ir-raison d'etre ta' dan is-sub-para tal-artikolu 820(2) hu sempliciment dak imsemmi f'sub-para (1) u cioe li jkun hemm ekonomija fl-operat tal-Qorti, u li jkun hemm smiegħ xieraq b'decizjoni fuq l-istess. Aspetti li gew kollha ipprattikati f'din il-kawza.

"Għalhekk l-esponenti jissottomettu illi dan r-rekwist tal-artikolu 820 Kap. 12 hawn fuq imsemmi gie osservat u mhares kif hawn fuq spjegat.

"**3 L-ebda ksur ta' smigħ xieraq**

"Kostituzzjoni ta' Malta Art 39 jgħid "*(2) Kull qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi għad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri għal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' ohra judikanti bhal dik, il-kaz għandu jigi mogħti smigħ xieraq għeluq zmien ragonevoli*."

"Tajjeb illi wiehed jezamina r-raguni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dana l-artikolu introdott fil-1964 qiegħed hemm sabiex jigi rrispettat lil u għal kull parti, id-dritt li tigi mismuma, u li r-ragunamenti tagħha jigi mqiegħed għall-konsiderazzjoni quddiem il-Qorti.

"Jingħad illi f'dan il-kaz m'hemm ebda lezjoni ta' ebda wiehed minn dawn il-principji. Il-formalita ma tirrikjedix essenzjalment, sabiex ir-raguni tagħha tigi salvagwardata, distanza ta' zmien bejn wiehed u l-iehor.

"Kostituzjonalment ma sar fil-fatt ebda ksur għar-raguni semplici illi St. George's Park kellha kull opportunita li tippresenta il-kaz tagħha, u fil-

fatt ippresentat il-kaz tagħha sia dwar il-kwistjoni ta' jekk ir-ritrattazzjoni għandiex tithalla sia dwar il-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, kemm meta ipprezentat ir-risposta tagħha għat-talba tar-ritrattazzjoni, kemm ukoll meta quddiem il-Qorti ritrattando, l-avukati ta' St. George's Park ittrattaw il-meritu u kkontradixxew in pien ir-ragunijiet imressqa minn din il-parti, sia għall-punt ta' l-ewwel kif ukoll għal dak ta' l-ahhar.

"Jingħad illi matul il-proceduri judizjali kollha involuti f'dawn il-kawzi, i.e. quddiem l-Ewwel Qorti, fl-istadju ta' appell u fil-proceduri ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell, saru diversi noti, risposti u noti ta' sottomissjonijiet dettaljati dwar il-mertu oltre trattazjoni bla ebda xkiel, f'kull Qorti u f'kull kawza.

"Dan kollu huwa kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istadju ta' ritrattazzjoni meta fis-sentenzi tagħha, il-Qorti tgħid li hi sodisfatta li l-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet kollha tagħhom dwar iz-zewg punti.

"Dan qed jingħad anki fid-dawl ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna li jezigu illi biex Qorti tasal għal decizjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq, din trid tqies il-process kollu kemm hu. Fil-kawza numru 463/1994/1, deciza fil-15 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet "Scicluna Gregorio sive Godwin vs. Avukat Generali et," din l-Onorabbli Qorti qalet:

> ""*Biex jigi determinat kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq, il-valutazzjoni jew l-apprezzament ma għandux isir fuq xi incident jew fattur izolat f'dawk il-proceduri izda invece għandu jsir fil-konfront tal-process kollu, fl-assjem tiegħu*."

"Hekk ukoll fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2002 fl-ismijiet "Aquilina Francis X vs. Avukat Generali" (Rik Nru 31/2001/1), intqal hekk:

> ""*Biex wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'għandux jhares biss lejn x'nuqqasijiet procedurali li jokkorru, imma jekk fl-assjem tagħhom, il-proceduri kienux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza*."

"Meta wiehed jezamina l-processi involuti ma jistax hlief jasal għall-konkluzjoni li l-mertu f'dawn il-kawzi gew trattati ampjament kemm bil-miktub u verbalment u għalhekk l-esponenti jichdu bil-qawwa kollha illi jezisti xi ksur tas-smigħ xieraq.

"Illi fi kwalunkwe kaz u mingħajr pregudizzju għas-suespost, f'kaz illi jinstab illi kien hemm ksur tas-smigħ xieraq, zgur li l-esponenti m'għandux jinstab responsabbli jew ibagħti l-konsegwenzi ta' dan minhabba xi nuqqasijiet fil-procedura tal-Qorti.

"Illi aktar milli kaz ta' ksur tad-drittijiet tas-socjeta intimata, l-esponenti bir-rispett jissottomettu illi dan huwa kaz ta' ksur tad-dritt tal-esponenti li jithallsu għas-servizzi rezi minnhom lil St. George's. Hawn issir riferenza għar-risposta f'dawn l-atti ta' Dr. Hubert Theuma għall-Avukat Generali fejn qal illi "*jekk din il-kawza qed issir għax ir-rikorrenti (St. George's) ma qablux mad-decizjoni fil-proceduri ta' ritrattazzjoni … s-*

*semplici fatt li xi hadd ma jaqbilx ma decizjoni mogħtija fil-konfront tiegħu, ma jfissirx fih innifsu li hemm ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq.*"

"Din il-parti taqbel totalment. Jingħad illi din il-kwistjoni mhijiex kwistjoni ta' principju izda hija kwistjoni mercenarja. Il-meritu ta' din il-kawza huwa ta' circa €285,000. Dan jikkomprendi spejjez ta' Registru, spejjez ta' Avukati, PL, spejjez ta' varji kawzi u jitla f'dan l-ammont il-għaliex il-meritu taz-zewg kawzi distinti, li fuqhom saru c-citazzjonijiet in kwistjoni huma ta' ammonti enormi stante il-valur tal-proprjeta tas-St. George's Park, u li din il-proprjeta kienet ingħatat għal zmien twil ta' kera b'ammont ta' kera annwali għoli fenomenali. Hawn si tratta semplicement tal-Goliath mercenarju kapitalista, li għandu capital ta' diversi miljuni u li ma jridx ihallas lis-serv professjonali tiegħu li qdiegħ tant fedelment mill-ahjar li setgħa u b'success għall-numru ta' snin; u dana kif jirrizulta mill-ittri miktuba minn din in-naha lill-St. George's Park esibiti fil-process.

"Jingħad illi l-flus għaddew għand l-esponenti li pero minhabba l-ittra tal-odjern Avukat ta' St. George's Park, Dr. Franco Vassallo li ser isiru proceduri sabiex is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2009 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, Rikors numru 20/2004 u Rikors Numru 21/2004, jigu revokati, dawn il-flus għadhom ma gewx imqassma kif għandhom jigu mqassma lill-varji persuni sia bhala rimbors sia bhala dritt u / jew spejjes etc. Għalhekk għal oltre 2/3 snin ta' servizz mogħti, u wara circa sitt snin mill-istess St. George's Park in rejalta għadhom ma hallsux l-obbligi tagħhom."

"**Is-sentenza appellata**

**8.** "Wara li rriproduċiet ir-rikors promotorju u r-risposti tal-intimati l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tiddeċiedi l-kawża wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

"Illi qabel il-Qorti ma tidhol fil-kwistjonijiet legali li jirrigwardjaw din il-kawza tajjeb li tirrijassumi l-fatti li taw lok għaliha. Fil-verita' dawn huma spjegati tajjeb fl-atti tal-kawza fuq riferiti. Il-kwistjoni hija dwar il-korrettezza ta' taxxa ta' drittijiet dovuti lill-Avukati u Prokuraturi Legali intimati mis-socjeta' rikorrenti in konnessjoni ma' zewg kawzi. Il-vertenza waslet sal-Qorti tal-Appell li originarjament iddecidiet favur is-socjeta' rikorrenti; madankollu saru proceduri ta' ritrattazjoni mill-istess intimati u l-Qorti tal-Appell finalment iddecidiet li kien hemm lok ta' smigħ gdid tal-kawzi u ddecidiet dakinhar stess u *tramite* l-istess sentenzi anke fuq il-mertu favur l-intimati msemmija.

"Is-socjeta' rikorrenti qed tallega li allura gew lezi d-drittijiet fundamentali tagħha (l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea) għaliex ma kellhiex opportunita' tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha fuq il-mertu tal-kaz. Il-pozizzjoni tal-intimati hija ndikata estensivament fir-risposti tagħhom.

"**L-artikoli nvokati mir-rikorrenti huma dawn, l-artikolu 39** jgħid hekk:

““**39(1)** *Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi mogħti smigħ xieraq għeluq zmien ragonevoli minn Qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi.*

“***(2)*** *Kull Qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi għad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri għal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz għandu jigi mogħti smigħ xieraq għeluq zmien ragonevoli.*

“***(3)*** *Hlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proceduri kollha ta' kull Qorti u l-proceduri dwar id-decizjoni tal-ezistenza jew lestensjoni tad-drittijiet jew obbligi civili ta' persuna quddiem xi awtorita' gudikanti ohra, magħdud il-pronunzjament tad-decizjoni tal-Qorti jew awtorita' ohra, għandhom jinzammu fil-pubbliku*.

“**L-artiklu 6(1)** imsemmi jgħid illi:

*““(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tiegħu, kulhadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-Qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

“Il-Qorti qabel xejn tagħmilha cara illi: “*il-funzjoni tal-Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha mhijiex li tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tgħid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostitizzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja*” (“**JEM Investments Limited vs. Avukat Generali et**” – Qorti Kostituzzjonali, 9 ta' Novembru 2010).

“Illi tajjeb ukoll li ssir riferenza għall-awturi Jacobs and White (The European Convention on Human Rights, pagna 140) li qalu illi:

““*Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a*

> *particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6*."

"Illi dan li ntqal japplika certament għas-socjeta' rikorrenti izda anke għall-hafna mill-kontenut tar-risposti tal-intimati li fil-fatt ikkoncentraw id-difiza tagħhom għall-kawza billi sostnew li d-decizjoni fil-mertu hija wahda tajba. Il-Qorti mhijiex se tidhol f'din il-kwistjoni għaliex kif ingħad, f'din il-kawza qed tintalab dikjarazzjoni li d-dritt tas-socjeta' rikorrenti gie miksur u allura għandhom jigu dikjarati nulli s-sentenzi in kwistjoni.

"Illi ma hemmx dubju mill-atti tal-kawzi in kwistjoni li l-partijiet trattaw it-talba għar-ritrattazzjoni fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2009 (fil-fatt f'wahda mill-kawza hemm semplici riferenza għal dan billi saret it-trattazzjoni fil-kawza l-ohra). Il-kawza dakinhar għalhekk thalliet għas-sentenza li ngħatat fid-data imsemmija fir-rikors. Il-punt kardinali huwa li l-Qorti tal-Appell billi dehrilha li l-partijiet kienu anke trattaw il-mertu ddecidiet illi *oltre* li tiddeciedi li kien hemm l-estremi ta' ritrattazzjoni għaliex giet applikata l-ligi hazina, tiddeciedi anke l-mertu tal-kaz.

"Illi r-rikorrenti fil-fatt jagħmlu referenza għall-artikolu 820 tal-Kapitlu 12 illi jgħid car u tond illi:

> *"i. Meta talba għar-ritrattazzjoni tigi milqugħa bit-thassir tas-sentenza attakkata, l-kawza tigi mismugħa mill-gdid fil-mertu fl-istess gurnata jew f'data ohra li tiddestina l-Qorti.*
>
> *"ii. Izda fuq talba għar-ritrattazzjoni għandha tingħata dejjem sentenza separata.*

"Huwa evidenti illi l-Qorti tal-Appell kellha tagħti sentenza separata u mhux tiddeciedi l-mertu fl-istess sentenza li fiha ddecidiet li kien hemm lok għal ritrattazzjoni. Is-socjeta' rikorrenti pero' ma setgħetx ukoll evidentement tattakka din is-sentenza fuq dan l-aspett għaliex l-istess Kapitolu 12 ma jhallix li kawza deciza f'sede ta' ritrattazzjoni terga' tigi ritrattata. Għalhekk l-uniku rimedju li kellha kien li tintavola dawn il-proceduri u l-Qorti thoss li l-azzjoni hija fondata fil-fatt u fid-dritt. Fil-fehma tal-Qorti għalkemm jista' jagħti l-kaz li l-partijiet trattaw ukoll il-mertu quddiemha, l-Qorti tal-Appell ma tatx opportunita' lis-socjeta' rikorrenti biex tagħmel is-sottomissjonijiet finali li seta' riedet tagħmel fuq il-mertu stess. Ir-ritrattazzjoni hija talba biex terga' tinstema' l-kawza u mhux biex is-sentenza li altrimenti tkun għaddiet in gudikat tigi revokata ukoll fil-mertu.

"Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li mhux biss is-socjeta' rikorrenti giet rinfaccjata b'decizjoni illi ma kienitx instemgħet il-verzjoni tagħha izda lanqas biss ma kienet giet avzata minn qabel; u dan għaliex meta l-kawzi gew differiti għas-sentenza dik is-sentenza kellha tingħata skond l-artikolu 820 u allura fuq it-talba għas-smigħ mill-gdid; is-socjeta' msemmija kellha allura kull ragun ma tistenniex decizjoni anke fuq il-mertu dakinhar stess. Dan għalkemm il-Qorti tal-Appell fil-kawza numru 21/04 irreferiet għall dan billi qalet li kien jidhrilha li saru sottomissjonijiet dwar il-mertu (pagna 40 tas-sentenza); fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti tal-Appell ma setgħetx tassumi dan il-fatt mingħajr ma almenu ssaqsi lill-partijiet jekk kellhomx x'izidu ma' dak li gja kien sar.

"Illi qatt ma kien hemm jew għandu jkun hemm dubju li wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem huwa dak li jkollu smiegħ xieraq minn tribunal imparzjali u dan isib ruħu f'forma oħra fil-principju *audi alteram partem*, fis-sens li wieħed ma jistax jimmagina smiegħ xieraq mingħajr l-opportunita' li jsemma lehnu f'dawk il-proceduri. Dan huwa wieħed mill-principji bazilari tal-gustizzja naturali huwa ta' applikabbilita' assoluta. Kif issemma fil-kawzi "**Buttigieg vs Prim Ministru**", "**Portelli vs Prim Ministru**" u "**Gatt vs Prim Ministru**" decizi fis-6 ta' Settembru 2010 mill-Qorti tal-Appell:

> ""*The principle that no one should be condemned or deprived of his Rights without being heard, and above all without having received notice that his Rights would be put to stake, is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all the bodies called upon to render a decision that might have the effect of annulling a right possessed by an individual*." ("**L'Alliance des Professuers Catholiques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec – 1953"** riportat fil-manwal **The Application of the European Convention Human Rights – J E S Fawcett**, pagna 148).

"Illi sewwa pero' eccepew l-intimati li s-socjeta' rikorrenti ma tistax titlob ukoll li s-sentenzi li ordnaw ir-ritrattazzjoni jigu annullati. Dawn għaddew in gudikat u huma ineccepibbli mill-*punto di vista* ta' dritt kostituzzjonali, u allura ma hemm ebda mod kif jistgħu jigu attakkati. Dak li din il-Qorti tista' tagħmel huwa li thassar it-tieni parti tas-sentenzi in kwistjoni, u cjoe' l-parti li ddecidiet il-mertu għaliex fuq din il-parti s-socjeta' attrici ma ngħatatx smiegħ xieraq.

"Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati (hlief għal dak għadu kif issemma fil-paragrafu precedenti u kif se jingħad), u tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti billi tiddeciedi li t-tieni parti tas-sentenzi msemmija fir-rikors kisru d-dritt fundamentali tas-socjeta' rikorrenti billi ma kellhiex smiegħ xieraq fir-rigward imhares mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk tiddikjara bla effett dik il-parti tas-sentenzi msemmija fejn gew decizi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti, u thalli bla mittiefsa biss il-parti tal-istess sentenzi fejn il-Qorti tal-Appell ordnat is-smiegħ mill-gdid tal-kawzi in kwistjoni. L-ispejjez tal-kawza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet."

"**<u>Rikors tal-appell ta' Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, P.L. Edgar Montanaro u P.L. Rose Sciberras</u>**

**9.** "L-appellanti Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, P.L. Edgar Montanaro u P.L. Rose Sciberras ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza appellata tas-26 ta' Ġunju 2013 u konsegwentement permezz ta' rikors datat 12 ta' Lulju 2013 intavolaw dan l-appell minn dik is-sentenza u talbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u tiċħad it-talba tas-soċjeta` appellata u għalhekk tikkonferma d-deċiżjoni ta' ritrattazzjoni mogħtija fil-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2009, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra St George's Park Company Limited.

"*L-Aggravji tal-appellanti Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, P.L. Edgar Montanaro u P.L. Rose Sciberras*

**10.** "Fil-qosor, l-aggravji tal-konvenuti appellanti Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, P.L. Edgar Montanaro u P.L. Rose Sciberras huma fis-sens segwenti:

"1. L-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi peress li ttraskurat il-prinċipju li l-piż tal-prova kien jinkombi fuq is-soċjeta` appellata li naqset milli tipprova li ma kienx hemm it-trattazzjoni fuq il-meritu fil-kawża ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell fis-seduta tad-9 ta' Frar 2009 u anzi bix-xhieda prodotti ġie pruvat il-kuntrarju u ċioe` li ġie trattat ukoll il-mertu u dan ġie konfermat mill-Qorti tal-Appell stess fis-sentenza tagħha fil-kawża ta' ritrattazzjoni meta rriteniet li mill-atti bil-miktub u mit-trattazzjoni orali kien jidher li l-partijiet kienu ressqu l-argumenti kollha relevanti in sostenn tal-pożizzjoni tagħhom u li għalhekk setgħet tipproċedi għall-kunsiderazzjoni tal-appell mis-sentenza tal-Prim'Awla tat-28 ta' April 2005 u tiddeċiedi l-istess.

"2. L-allegat nuqqas ta' smigħ xieraq ma giex pruvat: l-ewwel Qorti straħet hafna fuq il-liġi ċivili li tirrikjedi żewġ stadji separati fil-proċess ta' ritrattazzjoni meta mill-perspettiva tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq dan ir-rekwiżit ta' żewġ stadji hu totalment u fundamentalment irrelevanti għaliex il-funzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali hi biex tara jekk fl-assjem ir-rikorrent kellux '*fair hearing',* u cioe` jekk ir-rikorrent kellux l-opportunita` sħiħa biex jagħmel il-fatti u s-sottomissjonijiet tiegħu magħrufa lill-Qorti; is-soċjeta` appellata kellha tali opportunita` tant li fil-kors ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali l-istess soċjeta` qatt ma ddikjarat x'fatti u argumenti ġodda riedet iġġib quddiem il-Qorti tal-Appell u li ma kinitx ġja` ingħatat l-opportunita` li ġġib. Inoltre in-nuqqas ta' trattazzjoni orali u n-nuqqas ta' żewġ ġudizzji flok wieħed ma jwassalx necessarjament għal nuqqas ta' smigħ xieraq, bħalma anqas jammonta għal nuqqas ta' smigħ xieraq il-fatt li parti ma tingħatax opportunita` oħra sabiex tippreżenta l-fatti u l-ligi lill-Qorti li ġja` fil-fatt kellha konoxxenza tagħhom, apparti li f'ritrattazzjoni ebda fatti godda ma jistgħu jinġiebu 'l quddiem. Dan apparti wkoll il-fatt li l-ewwel Qorti stess ma kinitx konvinta li fil-fatt ma kienx hemm dan id-dritt u dan għaliex il-Qorti stess qalet li "*jista' jagħti l-kaz li l-partijiet ittrattaw il-meritu quddiemha*." [1]

"**<u>Ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali</u>**

**11.** "L-Avukat Ġenerali wkoll ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u permezz ta' rikors tal-15 ta' Lulju 2013 huwa appella minnha lil din il-Qorti u talabha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u

[1] Fol. 276 tal-proċess.

minflok tilqa' l-appell tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellata.

**12.** "L-aggravji tal-Avukat Ġenerali sostanzjalment jikkonsistu fis-segwenti:

1. "L-ewwel Qorti eżaminat il-lanjanzi mill-ottika proċedurali minflok mill-ottika kostituzzjonali meta n-nuqqas proċedurali waħdu (ċioe` li ngħatat sentenza waħda flok tnejn fil-każ in deżamina) ma jwassalx awtomatikament għal ksur ta' drittijiet fundamentali filwaqt li l-fatt li proċeduralment is-socjeta` rikorrenti forsi ma setgħetx titlob ritrattazzjoni ta' ritrattazzjoni ma jiggarantixxix awtomatikament rimedju ta' natura kostituzzjonali kif implikat l-ewwel Qorti;

2. "L-ewwel Qorti ma applikatx u ma nterpretatx il-lanjanzi tar-rikorrenti fil-kuntest tal-kriterji li jiffurmaw id-dritt ta' smigħ xieraq u kieku għamlet dan kellha tasal għal konklużjoni diametrikament opposta għaliex huwa essenzjali li lanjanza ta' vjolazzjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq tiġi eżaminata wkoll fil-kuntest tat-totalita` tal-proċeduri u mhux biss fil-kuntest ta' mument iżolat, speċjalment għaliex tenut kont li l-ewwel Qorti accettat li probabbilment it-trattazzjoni tad-9 ta' Frar 2009 saret anke fil-mertu jmissha konsegwentement pproċediet biex tiddeċiedi li ma kienx kemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. Inoltre s-socjeta` appellata lanqas ma gabet prova li kien hemm xi haga li xtaqet iżżid u ma ngħatatx ic-cans li tagħmlu u tenut ukoll kont tal-fatt li sal-istadju ta' ritrattazzjoni l-provi/argumenti/sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-mertu kienu diġa` tressqu quddiem l-ewwel Qorti, imbagħad sussegwentement quddiem il-Qorti tal-Appell, u imbagħad addirittura fi stadju ta' ritrattazzjoni, u allura anki kieku kien veru li t-trattazzjoni orali dwar il-mertu ma saritx fis-seduta tad-9 ta' Frar 2009 xorta fil-mertu l-kawża kienet altru milli matura tenut kont li l-proċess kien wasal fi stadju ta' ritrattazzjoni.

"**<u>Risposti tal-appell tas-soċjeta` Saint George's Park Company Limited</u>**

**13.** "B'risposta tad-9 ta' Lulju 2013, is-soċjeta` appellata St. George's Park Company Limited issottomettiet illi l-appell tal-appellanti Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, P.L. Edgar Montanaro u P.L. Rose Sciberras għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi konfermata bl-ispejjeż kontra l-istess appellant u dan sostanzjalment għar-raġunijiet segwenti:

1. "Il-Qorti Kostituzzjonali, bħala qorti ta' reviżjoni, m'għandhiex tindaħal fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ħlief meta tkun manifestament eżerċitat ħażin, jew għal xi motiv ieħor gravi u f'dan il-każ ma jirriżultawx il-"*motivi gravi*" li tagħmel referenza għalihom il-każistika.

2. “Mhux minnu li l-Imħallef li ppresjeda l-ewwel Qorti kien esprima ruħu favur it-teżi ta’ St. George’s Park Company Limited u li għalhekk seta’ b’xi mod ġie kundizzjonat u njora l-provi mressqa mill-appellanti tant li ma jirriżulta ebda verbal li bih l-appellanti oġġezzjonaw għall-Imħallef li ppresjeda jew għal xi ħaġa li qal.

3. “Mhuwiex minnu li s-soċjeta` appellata ma ressqitx l-aħjar prova peress li din ma tiddependix fuq il-volum ta’ provi iżda fuq il-kwalita` tagħhom u għalhekk is-soċjeta` appellata tistrieħ fuq l-affidavit prodott minnha u fuq is-sentenza stess tal-Qorti tal-Appell fil-proċeduri ta’ ritrattazzjoni li minnha jirriżulta manifest li ingħatat bi vjolazzjoni tal-rtikolu 820 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li tassativament jirrikjedi li meta talba għal ritrattazzjoni tiġi milqugħa l-kawża tiġi mismugħa mill-ġdid;

4. “Hi x’inhi t-tifsira tal-kelma “*jidher*” - u s-soċjeta` appellata tistqarr li ma taqbilx mat-tifsira mogħtija mill-appellanti - il-Qorti ma kellhiex tgħaddi biex tiddeċiedi l-istadju *in rescissorio* mingħajr ma toffri opportunita` lill-partijiet jittrattaw il-mertu dakinhar jew tisma’ t-trattazzjoni fil-mertu f’seduta appożita;

5. “Ma jirriżultax li l-ewwel Qorti injorat il-provi mressqa mill-partijiet iżda marret mill-ewwel għall-pern tal-ilment kostituzzjonali u kkonkludiet illi l-Qorti tal-Appell fir-ritrattazzjoni ma stednitx lill-partijiet biex jagħmlu trattazzjoni fuq il-mertu u m’avżathomx illi ser tiddeċiedi l-mertu fl-istess sentenza meta kellha “*almenu ssaqsi lill-partijiet jekk kellhomx x’izidu ma’ dak li gja` kien sar.*”[2]

6. “Dak li rriteniet l-ewwel Qorti hu li anke jekk wieħed jaċċetta illi saret trattazzjoni orali dwar il-mertu (fatt illi s-soċjeta` appellata tiċħad), is-soċjeta` appellata xorta kellha, skont il-liġi, tingħata ċ-ċans li, wara s-sentenza *in rescindendo*, iżżid sottomissjonijiet fil-mertu.

7. “Mil-lat kostituzzjonali, il-Qorti tal-Appell, preżumibbilment għal raġunijiet ta’ sommarjeta`, qabżet l-istadju tat-trattazzjoni mill-ġdid dwar il-mertu tal-każ kif dettat mill-Artikolu 820 imsemmi meta s-soċjeta` appellata qatt ma kienet irrinunzjat għal dan il-jedd mogħti lilha b’mod ċar fil-liġi u, kif qalet tajjeb l-ewwel Qorti, “*ġiet rinfaċċjata b’deċiżjoni*”[3] mingħajr “*lanqas biss ma kienet ġiet avżata minn qabel*.” [4]; dan minnu nnifsu jwassal għal ksur tad-dritt għas-smiegħ xieraq u partikolarment id-dritt bażilari ta’ *audi alteram partem* li tant hu importanti li r-regola li n-nullita` tas-sentenza m’għandhiex tiġi “attiza” jekk is-sentenza tkun sostanzjalment ġusta hi meqjusa li ma tapplikax f’kaz ta’ vjolazzjoni ta’ dan il-prinċipju.

8. “Il-każistika tagħmel distinzjoni netta bejn ksur ta’ *audi alteram partem* li jsir quddiem Qorti ta’ Prim Istanza (fejn allura jkun għad

---

[2] Fol. 274 tal-proċess.
[3] Fol. 274 tal-proċess.
[4] Ibid.

hemm rimedju ta' appell) u ksur li jseħħ fi stadju t'appell fejn allura ma jibqax rimedju "*ordinarju*" għall-ksur u għalhekk huwa ferm aktar importanti illi l-proċedura tiġi segwita skrupolożament.

9. "Il-Qorti tal-Appell ma kienet bl-ebda mod intitolata tiddikjara unilateralment u mingħajr il-qbil tal-partijiet illi "*jidher*" illi l-partijiet ġia` spjegaw biżżejjed l-argumenti fil-mertu.

**14.** "B'risposta tat-30 ta' Lulju 2013 is-soċjeta` appellata wieġbet għar-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali billi talbet li l-appell tiegħu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi konfermata bl-ispejjeż u dan sostanzjalment għall-istess raġunijiet mogħtija fir-risposta tagħha għall-appell tal-appellanti l-oħra iżda wkoll minħabba li:

a. "Il-Qorti tal-Appell li laqgħet it-talba għar-ritrattazzjoni għamlet dan minħabba applikazzjoni ta' liġi ħazina u għahekk il-*goal posts* tbiddlu u kellhom jiġu trattati fid-dawl tad-deċiżjoni meħuda fl-istadju *in rescindendo*;

b. "Il-liġi ta' proċedura hija ta' ordni pubbliku u trid tiġi osservata *ad litteram* u ma hix xi liġi li tiġi operata lil hinn min-normi kostituzzjonali;

c. "Jekk xi nuqqas ikun hekk relevanti li ma jkunx jista' jiġi sanċit mod ieħor anki jekk ikun mument iżolat l-istess difett iwassal għal leżjoni tal-Artikolu 6 anki peress li l-Qorti ma tistax tispekula f'dan ir-rigward jekk setax kien hemm riżultat differenti o meno kieku s-soċjeta` appellata ġiet mogħtija l-opportunita` li tittratta iżda għandha biss tara jekk kienx hemm nuqqas li fil-fatt affettwa lill-parti u l-kawza tagħha;

d. "Is-soċjeta` appellata kienet ċerta li ma kinux jeżistu l-estremi ta' proċedura ta' ritrattazzjoni u li din kienet eskluża b'dispożizzjoni espressa tal-liġi u għalhekk ittrattat biss fi stadju *in rescindente* u ma nghatatx l-opportunita` li tittratta jew tressaq provi fl-istadju *in rescissorio*.

"**<u>Risposta tal-appell tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali</u>**

**15.** "B'risposta tat-12 ta' Awwissu 2013 id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, wara li rriafferma li kien ġie mħarrek inutilment peress li ma għandu ebda kontroll fuq dak li jiġi deċiż mill-qrati u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, irrimetta ruħu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti b'dan li ma għandu jbati ebda spejjeż u anżi l-parti telliefa għandha tħallas l-ispejjeż kollha tiegħu.

"**<u>Fatti fil-qosor</u>**

**16.** "Il-fatti tal-kawża jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

**17.** “Is-soċjeta` appellata kienet intavolat żewġ kawżi ċivili sabiex tikkontesta l-mod kif kien ġie intaxxat id-dritt dovut lill-Avukati Hugh Peralta u Noella Grima. Iż-żewġ kawżi (Rik. Nru. 20/04 u Rik. Nru. 21/04) ġew deċiżi separatament minn żewġ Imħallfin diversi b’eżitu differenti. Iż-żewġ sentenzi ġew appellati u l-Qorti tal-Appell ddeċidiet konformement ma’ waħda minnhom u rriteniet li dan l-eżitu kellu japplika wkoll għall-kawza l-oħra. L-appellanti Avukati Peralta u Grima talbu r-ritrattazzjoni taż-żewġ kawżi quddiem il-Qorti tal-Appell. It-trattazzjoni tal-kawża Rik. 21/04 saret fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Appell tad-9 ta’ Frar 2009. Fil-verbal ta’ dik is-seduta ġie reġistrat dan li ġej:

> “Meta ssejjħet il-kawża deher Anthony Borg għas-soċjeta’ ritrattata assistit minn Dr. Joseph Camilleri.
>
> “Deher Dr. Francesco Depasquale għar-Reġistratur tal-Qorti.
>
> “Dehru wkoll ir-ritrattandi Dr Hugh Peralta u Dr Noella Azzopardi Grima.
>
> “Dr. Ian Refalo imsejjah diversi drabi ma deherx.
>
> “Dr. Hugh Peralta ittratta.
>
> “Dr. Joseph Camilleri ittratta.
>
> “Dr. Francesco Depasquale ittratta.
>
> “Il-kawża differita għas-sentenza għas-7 ta’ April 2009, fid-9.00 am.”

**18.** “It-trattazzjoni fil-kawża l-oħra Rik. 20/2004 ma setgħetx issir fid-9 ta’ Frar 2009 peress li waħda mill-partijiet ma kinitx notifikata u għalhekk dakinhar ġiet differita għas-17 ta’ Marzu 2009 u f’dik id-data ġie reġistrat il-verbal li ġej:

> “Billi llum jidher li kulħadd huwa notifikat u stante li diġa saret it-trattazzjoni fil-kawża l-oħra fl-istess ismijiet fuq l-istess meritu il-partijiet jaqblu li l-kawża tiġi differita għas-sentenza.
>
> “Il-Qorti tħalli l-kawża għas-sentenza għas-7 ta’ April, 2009 fid-9.00 am.”

**19.** “Il-partijiet ma jaqblux dwar dak li ġara fil-kawża Rik. 21/04 fis-seduta tad-9 ta’ Frar 2009. L-avukat tas-soċjeta` appellata li ttratta f’dik is-seduta xehed li huwa ttratta biss dwar l-istadju *in rescindendo* u unikament fis-sens li r-rikorrenti ma ressqux argumenti illi jiġġustifikaw illi l-kawża tinstema’ mill-ġdid u li f’ebda stadju ma ġie mistieden mill-Qorti sabiex jagħmel sottomissjonijiet dwar il-mertu tal-każ. Is-soċjeta` appellata tgħid li dakinhar il-partijiet ma trattawx il-mertu tal-kawża. Min-naħa tiegħu l-Avukat Dr. Peralta xehed li wara li ttratta dwar ir-raġuni li minħabba fiha kien hemm lok għar-ritrattazzjoni tal-kawża, u wara li l-avukat tas-soċjeta` appellata għamel l-istess, il-

Qorti qalet li kien hemm lok għar-ritrattazzjoni u allura kien hemm lok għal diskussjoni fuq il-mertu. L-Avukat Peralta jgħid li għalhekk huwa għadda biex jittratta dwar il-mertu u wara l-avukat tas-soċjeta` appellata għamel ir-risposta tiegħu dwar il-kwistjonijiet u l-punti mqajjma minnu. Wara segwa l-Avukat tar-Registratur tal-Qorti li skont l-Avukat Peralta wkoll ittratta l-mertu tal-kawża.

**20.** "L-Avukata Azzopardi Grima xehdet li Dr. Peralta tkellem kemm dwar ir-raġuni għaliex għandu jkun hemm ritrattazzjoni kif ukoll dwar il-mertu u tiftakru jgħid "*this is bad law*" u li għamel riferenza għal-liġi Taljana u ċċita avukati Ingliżi u għamel użu minn xi noti li kien ipprepara fuq il-punti msemmija.

**21.** "L-Avukat Depasquale wkoll xehed li Dr. Peralta l-ewwel ittratta dwar li l-Qorti kellha tikkonċedi li jkun permess il-proċedura ta' *retrial* u wara li dak li qal ġie ribattut mill-Avukat tas-soċjeta` appellata l-President tal-Qorti aċċetta li kien hemm bażi legali korretta biex ikun hemm ritrattazzjoni u li l-kawża setgħet tiġi trattata fil-mertu. Wara dan, skont ix-xhud, il-kawza ġiet trattata fil-mertu kemm minnu kif ukoll mill-Avukat tas-soċjeta` appellata.

**22.** "Xhieda oħrajn ma jixħtux wisq dawl dwar dak li effettivament ġara fis-seduta tad-9 ta' Frar 2009.

"**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**
"*<u>Preliminari</u>*

**23.** "Din il-Qorti tirrileva li għalkemm id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali fir-risposta tiegħu ssolleva fir-risposta tiegħu li ma huwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u li għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju huwa ma ntavola ebda appell mis-sentenza appellata u għalhekk l-istess sentenza għaddiet in ġudikat fil-konfront tiegħu.

**24.** "Din il-Qorti tirrileva wkoll li ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ħalliet bla mittiefsa l-parti tas-sentenzi msemmija fir-rikors promotur fejn il-Qorti tal-Appell ordnat is-smigħ mill-ġdid tal-kawżi inkwistjoni u għalhekk dik il-parti tas-sentenza appellata ormai għaddiet in ġudikat.

**25.** "Dak li għalhekk għandha x'tikkunsidra din il-Qorti huwa biss jekk dik il-parti tas-sentenzi impunjati tal-Qorti tal-Appell fejn din għaddiet biex tiddeċiedi l-mertu tal-kawżi quddiemha ingħatatx bi vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

"*<u>Principji</u>*

**26.** "Taħt l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni l-kompitu tal-Qorti hu li teżamina jekk il-proċeduri

meħudin fil-kompless tagħhom, inkluż il-mod kif ikunu nġabru l-provi, kinux xierqa fis-sens tal-istess artikolu, għalkemm jista' wkoll ikun il-każ li aspett jew nuqqas partikolari jkun tant determinanti għall-eżitu tal-kawża li jkun biżżejjed sabiex minħabba fih waħdu l-Qorti ssib nuqqas ta' smigħ xieraq. Inoltre, l-Istat għandu latitudini akbar fil-mod kif jittratta kawżi ċivili milli għandu meta jkun qiegħed jittratta minn kawżi kriminali. B'danakollu, il-prinċipju tal-*equality of arms* li jiddetta li jinżamm bilanċ xieraq bejn il-partijiet fil-kawża japplika kemm fil-kawżi ċivili kif ukoll f'dawk kriminali. Dan il-prinċipju jimplika li kull parti għandu jkollha l-opportunita` raġjonevoli li tippreżenta l-każ u l-provi tagħha taħt kundizzjonijiet li ma jqiegħduhiex fi żvantaġġ fil-konfront tal-parti l-oħra[5]. Inoltre l-partijiet ma għandhomx dritt assolut li jipproduċu xhieda fil-Qorti[6].

**27.** "L-Artikolu 6 imsemmi jqiegħed dover fuq it-"tribunal" inkwistjoni li jeżamina kif xieraq is-sottomissjonijiet, l-argumenti u l-evidenza prodotti mill-partijiet salv l-apprezzament tat-"tribunal" dwar ir-relevanza tagħhom[7]. Għalkemm l-aspetti ta' smigħ xieraq fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 6 ġew enunzjati espressament fir-rigward ta' proċeduri kriminali dawn l-istess aspetti fil-prinċipju japplikaw ukoll għal proċeduri ċivili iżda mill-fatt li ma ġewx espliċitament elenkati fir-rigward ta' proċeduri ċivili jista' jiġi inferit li r-rekwiżiti inerenti fil-kunċett ta' "smigħ xieraq" fi proċeduri ċivili ma humiex neċessarjament identiċi għar-rekwiżiti ta' proċeduri kriminali u li l-iStat għandu latitudini aktar wiesgħa fejn si tratta ta' kawżi ċivili minn fejn si tratta ta' proċeduri kriminali[8].

**28.** "Fi proċedimenti quddiem Qorti tal-ewwel u unika istanza d-dritt għal "smigħ pubbliku" skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jista' jirrikjedi li persuna tkun intitolata għal smigħ orali iżda jista' jkun hemm eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju fil-każ ta' proċessi tat-tieni jew tat-tielet istanza[9].

"*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji</u>*

**29.** "Il-Qorti ser tindirizza l-aggravji mressqin mill-konvenuti appellanti Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, P.L. Edgar Montanaro u P.L. Rose Sciberras u dawk imressqin mill-Avukat Ġenerali flimkien

---

[5] AraECHR Dec Adm **Camillo Crociani u oħrajn v. Italy**, 18/12/1980; Dec Adm **X v. Norway**, 4/7/1978; Ara ECHR **Helmers v. Sweden**, 29/10/1991 #31; **Vidal v. Belgium**, 22/4/1992; **Dombo Beheer B.V. v. The Netherlands**, 27/10/1993 #31-33; Ara wkoll Q. Kost. **Peter Paul Muscat v. Mario Muscat pro. et noe.et**, 24/6/2011; Q. Kost. **Carmelo *sive* Charles Saliba v. Avukat Ġenerali et.**, 15/10/2012, #40; Q. Kost. **George Sammut v. Avukat Ġenerali**, 10/6/2013

[6] Ara ECHR Kumm ECHR Dec **Adm X v. Switzerland, 11/3/1982, #10-11; Q. Kost. Carmelo *sive* Charles Saliba v. Avukat Ġenerali et.**, *loc. cit.;* Q. Kost. **George Sammut v. Avukat Ġenerali**, 10/6/2013 *loc. cit.*

[7] ECHR **Kraska v. Switzerland**, 19/4/1993 #30; **Barbera, Messegue and Jabardo v. Spain**, 6/12/1988 #68; **Dombo Beheer B.V. v. The Netherlands**, 27/10/1993 #31

[8] ECHR **Dombo Beheer B.V. v. The Netherlands**, *op. cit.* #32

[9] ECHR **Hakansson and Sturresson v. Sweden**, 21/2/1990 #64; **Fredin v. Sweden** (2), 23/2/1994 #21; **Fischer v. Austria**, 26/4/1995 #44.

u dan għaliex fil-verita` l-aggravji tagħhom sostanzjalment jixxiebħu u huma ċertament relatati ma' xulxin.

**30.** "Fil-każ preżenti s-soċjeta` appellata ssostni li ma ingħatatx l-opportunita` li tittratta oralment dwar il-mertu tal-kawża wara li l-Qorti tal-Appell sabet li kien hemm raġunijiet skont il-liġi sabiex tiġi ritrattata l-kawża. Tinsisti li fuq it-talba li saritilha għar-ritrattazzjoni l-Qorti tal-Appell kienet obbligata b'dispożizzjoni espressa tal-liġi li tagħti sentenza separata u jekk f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell tasal għall-konklużjoni li kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi sabiex tħassar is-sentenza ritrattandi l-istess Qorti kienet marbuta, ukoll b'dispożizzjoni espressa tal-liġi, li tgħaddi għall-istadju ieħor li kien imiss billi tisma' l-kawża mill-ġdid fil-mertu fl-istess ġurnata jew f'data oħra li tappunta l-Qorti.

**31.** "L-appellanti jikkonċedu, u dan jirriżulta manifest mill-atti tal-proċeduri, li huwa veru li l-Qorti tal-Appell ma tatx żewġ sentenzi separati kif tipprovdi l-liġi għaliex tat sentenza waħda li fiha ddeċidiet kemm li kien hemm lok għar-ritrattazzjoni kif ukoll iddeċidiet il-mertu l-kawza li fl-istess sentenza kienet iddikjarat li kellha titħassar iżda jsostnu wkoll li dan sar wara li l-partijiet kollha, fuq stedina tal-Qorti tal-Appell stess, ittrataw il-mertu tal-kawża.

**32.** "Il-Qorti tibda biex tistqarr li ma hix persważa li fis-seduta fil-kawża Rik. 21/04 fis-seduta tad-9 ta' Frar 2009 il-partijiet trattaw il-mertu bl-iskop li l-kawża titħalla għas-sentenza kemm fuq kienx hemm bażi legali għar-ritrattazzjoni kif ukoll għas-sentenza fil-mertu fl-eventwalita` li l-Qorti ssib li kien hemm tali bażi legali. Il-Qorti ġiet konfrontata b'żewġ verżjonijiet diammetrikament opposti f'dan ir-rigward. In vista tad-dispożizzjonijiet tassattivi tal-liġi li jirrikjedu li l-Qorti għandha l-ewwel tagħti sentenza dwar hemmx raġunijiet għar-ritrattazzjoni u li, fl-eventwalita` li l-Qorti ssib li hemm tali raġunijiet, tħassar is-sentenza impunjata u tgħaddi biex tittratta l-mertu u tiddeċidieh f'sentenza separata, din il-Qorti, in vista tal-proċedura insolita u mhux konformi ma' dak dettat mil-liġi, kienet tistenna li ssib fil-verbal tas-seduta inkwistjoni dikjarazzjoni ċara u inekwivoka li l-Qorti stiednet lill-partijiet jittrattaw il-mertu tal-kawża ritrattandi, li l-partijiet kienu qegħdin jaqblu li jagħmlu hekk, u li l-kawża kjarament qed titħalla għas-sentenza kemm dwar il-parti *in rescindendo* kif ukoll dwar il-mertu u dan wara li jiġi reġistrat li l-partijiet ittrattaw il-mertu. Minn dan kollu mill-verbal relattiv ma jirriżulta xejn u jidher li t-trattazzjoni kienet dik li wieħed jistenna fil-kors ta' proċedura normali ta' ritrattazzjoni li tiddetta li l-ewwel issir it-trattazzjoni u jiġi deċiż hemmx raġunijiet skont il-liġi għar-ritrattazzjoni tal-kawża.

**33.** "In vista tal-verżjonijiet kontrastanti u ta' dak li jirriżulta mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2009 fil-kawża msemmija din il-Qorti ma hix tal-fehma li tista' tiddipartixxi minn dak li jirriżulta mill-verbal relattiv fin-nuqqas ta' riskontri oġġettivi li jipperswaduha li l-verżjoni li ingħatat mis-soċjeta` appellata u li hi konformi mal-verbal imsemmi

ma tirriflettix dak li effettivament ġara. Din il-Qorti hi tal-fehma li tali riskontri oġġettivi ma jirriżultawx peress li d-dokumenti Dok HP7a sa HP20, konsistenti f'notamenti tal-Avukat Peralta, fotokopji ta' selezzjonijiet minn xogħlijiet ta' awturi Taljani u Ingliżi, skambju ta' posta elettronika bejn dak li jidher hu l-uffiċċju legali tal-Avukat Peralta u uffiċċju legali Ingliż, u skambju ieħor ta' ittri bejn l-istess Avukat Peralta u l-Avukat Franco Vassallo, xejn ma huma konklussivi.

**34.** "Għalhekk din il-Qorti tikkonkludi li ma ġiex pruvat li fis-seduta tad-9 ta' Frar 2009 ġie trattat il-mertu tal-kawża li tagħha kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni.

**35.** "L-Avukat Ġenerali, iżda, isostni li l-mertu tal-kawża li tagħha kienet qed tintalab ritrattazzjoni kien ġia` ġie trattat eżawrjentement fil-proċeduri originali li wasslu għas-sentenzi li tagħhom intalbet ir-ritrattazzjoni, kemm fil-Prim Istanza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll f'sede ta' appell. Isostni wkoll li l-infrazzjoni ta' regola ta' proċedura ma twassalx neċessarjament għal vjolazzjoni awtomatika tad-dritt għal smigħ xieraq u f'dan il-każ il-fatt li ngħatat sentenza waħda flok tnejn separati huwa wieħed superfluwu għall-finijiet ta' kawża kostituzzjonali.

**36.** "Huwa minnu li l-infrazzjoni ta' regola ta' proċedura ma twassalx <u>neċessarjament</u> għal vjolazzjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq (sottolinear tal-Qorti), iżda dan ifisser li infrazzjoni ta' regola ta' proċedura tista', anki waħedha, twassal għal tali vjolazzjoni tal-imsemmi dritt fundamentali. B'danakollu, bħala regola, meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk, fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza[10] għalkemm il-*punto di vista* ta' dawk konċernati ma hux waħdu deċiżiv iżda t-tħassib tagħhom irid ikun oġġettivament ġustifikat[11].

**37.** "Fil-każ tal-lum il-Qorti ġia` rriteniet li ma ġiex pruvat li l-mertu tal-kawża li ġie ordnat ir-ritrattazzjoni tagħha ġie trattat fis-seduta tad-9 ta' Frar 2009 fil-kawża Rik. 21/04. Kjarament anqas ġie trattat f'xi stadju wara qabel ingħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2009 fl-istess kawża. Ghalkemm huwa minnu li l-mertu ġie trattat fil-proċeduri ordinarji kemm fil-Prim Istanza kif ukoll f'Sede ta' Appell il-liġi kienet tirrikjedi li wara li l-Qorti tħassar is-sentenza impunjata fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni l-Qorti kienet obbligata li tisma' t-trattazzjoni mill-ġdid tal-kawża u mbagħad tgħaddi biex tagħti s-sentenza tagħha fil-mertu. Dan ma jirriżultax li sar u s-soċjeta` appellata kellha kull dritt tistenna li l-liġi ser tiġi osservata; kinet pjenament intitolata li wara s-sentenza li tħassar is-sentenza impunjata ser tingħata opportunita` li tittratta mill-ġdid il-mertu tal-

[10] Q. Kost. **Perit Joseph Mallia v. Onor. Prim Ministru et.**, 15/3/1996 (Vol: LXXX.i.142)
[11] ECHR **Kraska v. Switzerland**, 19/4/1993 #32

kawża li s-sentenza dwarha ġiet mħassra u li din it-trattazzjoni tiġi seġwita b'sentenza oħra fil-mertu. Meta dan ma sarx, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell neċessarjament issorprendiet, tal-anqas, lis-soċjeta` appellata liema sorpriżi ma humiex konduċenti għal smigħ ekwanimu u għal proċeduri li jagħtu affidament ta' proċess xieraq u ġust[12]. Bir-rispett kollu, dehrilha x'dehrilha u ħasset x'ħasset il-Qorti tal-Appell dik il-Qorti ma setgħetx mingħajr ma tilledi d-dritt tas-soċjeta` appellata għal smigħ xieraq tissorprendi lill-istess soċjeta` billi, fin-nuqqas ta' intendiment ċar u inekwivoku mal-partijiet li jiddispensaha milli tottempra ruħha ma' dak dettat mil-liġi, tgħaddi biex tiddeċiedi l-mertu tal-kawża qabel ma tagħti lill-partijiet l-opportunita` jindirizzaw mill-ġdid l-istess mertu permezz ta' trattazzjoni appożita kif previst mil-liġi.

"**Decide**

"Għall-motivi premessi l-Qorti tiċħad l-appell ta' Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, P.L. Edgar Montanaro u P.L. Rose Sciberras u tiċħad ukoll l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.

"L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi fis-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza fir-relazzjoni ta' bejn l-Avukat Ġenerali u s-soċjeta' appellata għandhom jitħallsu interament mill-Avukat Ġenerali waqt li dawk tal-appellanti l-oħra fir-relazzjoni bejnhom u s-soċjeta` appellata għandhom ikunu a karigu tal-istess appellanti *in solidum* bejniethom. L-ispejjeż tar-Reġistratur tal-Qorti f'din l-istanza għandhom ikunu a karigu tiegħu."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Gunju 2005 u dik tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Lulju 2008;

Rat l-atti kollha processwali;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

[12] Q. Kost. **Perit Joseph Mallia v. Onor. Prim Ministru et**. *op cit.*

Illi l-*iter* ta' din il-kawza huwa ben spjegat fis-sentenzat tal-Qorti Kostituzzjonali li ghadha kif giet riprodotta. Din il-Qorti, in vista tas-sentenza tal-istess Qorti diversament komposta, trid terga' tiddeciedi l-kawza mill-gdid peress illi dik is-sentenza appuntu ordnat li terga' tinstema' u tigi deciza. Kif jidher ukoll car mill-istess sentenza riprodotta, din il-Qorti trid tiddeciedi b'liema mod trid tigi mfassla t-taxxa ghad-drittijiet tal-Avukati u Prokuratur Legali imsemmija fl-okkju.

Ta' min jghid mill-ewwel li ghalkemm ir-rikorrenti indikaw is-subinciz (c) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 fir-rikors fejn talbu s-smigh mill-gdid, fil-fatt il-kawzali deskritt minnhom kien dak imsemmi fis-subinciz (e) u cioe` applikazzjoni hazina tal-ligi. Dan huwa kaz car ta' *lapsus calami* u kwindi l-Qorti issib ukoll li jikkonkorru elementi bizzejjed biex jigi applikat l-insenjament illi '*f'kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni il-Qorti hija fakoltizzata li fejn jidhrilha tipprovdi fuq il-bazi tal-ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorrix f'nullita`* (***Vol XXIX-111-698 u Vol XLVIII-11- 777***) *– Dan in omagg ghall-hsieb ispiratur traccjat f'hafna decizjonijiet li jevita kemm jista jkun il-moltiplikazjoni u d-dilazzjoni tal-liti u jiskoraggixi l-formalizmu rigidu li si attaccava con troppa severita` e poco riguardo all' amministrazione della giustizia*. ***(Vol XXVI-i-424).*** **Design Elements Limited v. Michael Camilleri pro et noe**, Appell

Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2004**.** Dan japplika certament fejn il-fatti rilevanti ghat-talba attrici rrizultaw kjarament **G Calleja v. Dr Jose' Herrera nomine**, 5 ta' Ottubru 1992, Prim'Awla.

L-artikoli tal-istess Kap. 12 (naturalment fl-isfond tal-Iskedi A u E tal-istess Kapitolu), li qed jigu dibattuti f'din il-kawza (u anke fil-kawza l-ohra fl-istess ismijiet li qed tigi deciza illum ukoll bin-numru 21/04) huma dawn;

**749**. (1) Il-valur ta' immobbli, meta mhux determinat bil-mod imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, jiġi determinat mir-renta netta tas-sena li taħbat l-aħħar qabel multiplikata ħamsa u għoxrin darba.

(2) Ir-regola miġjuba fis-subartikolu (1) tgħodd ukoll biex jiġi determinat - (a) il-valur tal-jedd perpetwu għaċ-ċnus, renti, jew ħlasijiet oħra ta' kull sena; (b) il-valur tal-oġġett fil-kawża dwar it-telf tal-jedd ta' enfitewsi jew dwar it-tmiem ta' enfitewsi.

**755**. Fil-kawżi dwar l-eżistenza jew il-validità ta' kuntratti ta' kiri, inkella dwar it-tmiem tagħhom qabel iż-żmien miftiehem, il valur jiġi stabbilit

(a) fl-ewwel każ, billi jingħadd il-kera taż-żmien kollu li għalih, bħal ma tippretendi l-parti, il-kuntratt għandu jibqa’ jseħħ; u (b) fit-tieni każ, billi jingħadd il-kera għaż-żmien kollu li jkun fadal biex jispiċċa l-kuntratt.

**756**. (1) Ir-regola miġjuba fil-paragrafu (b) tal-aħħar artikolu qabel dan tgħodd għall-kawżi ta’ żgumbrament ta’ kerrej minħabba li jkun baqa’ lura fil-ħlas tal-kera, jew għal raġuni leġittima oħra.

Ghandu jinghad ukoll li issa ma hemm ebda kwistjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` attrici u cioe` li l-Avukat ghandu dritt jitlob it-taxxa dwar id-drittijiet tieghu la darba jirrinunzja ghall-patrocinju tal-klijent tieghu anke meta l-kawza tkun ghadha miexja. Dwar dan ma sar ebda appell mill-ewwel decizjoni li huwa jista’ jaghmel dan – kwindi din il-kwistjoni issa ghaddiet in gudikat. Fejn hemm nuqqas ta’ qbil bejn l-ewwel sentenza ossija digriet tal-Prim’Awla, u s-sentenza dwar ir-ritrattazzjoni ta’ din il-kawza huwa dwar l-interpretazzjoni tal-artikoli msemmija – fi ftit kliem kif kellha tigi mahduma t-taxxa tad-drittijiet tal-Avukati, jekk fuq massimu ta’ hamsa u ghoxrin sena kif tghid espressament il-ligi f’kazi ta’ cnus jew ghall-perjodu kollu li jkun baqa’ tal-kirja f’kaz tal-okazzjoni. Fil-kaz in kwistjoni l-kawza inkwistjoni kienet dwar talba ghal xoljiment tal-okazzjoni li l-perjodu originali taghha kien ta’ 92 sena b’effett mill-1992; il-kawza kienet giet intavolata fl-1999 u allura kien baqa’ circa 85 sena.

L-interpetazzjoni li kienet tat din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza tal-4 ta' Lulju 2008 kienet illi;

> "Issa huwa minnu li jekk wiehed jimxi biss fuq l-Artikoli 750, 755 u l-Art. 756(1) tal-Kap. 12, u jiskarta ghal kollox x'jghidu fost ohrajn l-Artikoli 748 u 749 ta' l-istess Kap.12, allura l-appellanti ghandhom ragun f'dak li huma qeghdin jissottomettu bhala aggravji, izda din il-Qorti tikkondividi l-fehma espressa mill-Qorti ta' l-ewwel grad fis-sentenza appellata in kwantu rriteniet li,
>
> > "Interpretazzjoni tajba ta' disposizzjoni tal-ligi ma ghandhiex toqghod biss fuq dik id-disposizzjoni mahruga mil-kuntest taghha, izda ghandha tqisha wkoll fid-dawl tal-htiega illi ma jinholqux antinomiji fl-ordinament guridiku, ghax *incivile est nisi tota lege perspecta una aliqua particula eius proposita iudicare vel respondere*. (Dig. 1.3.24; Celsus 9 dig).
> >
> > L-interpretazzjoni tal-ligijiet ma hijiex teknika mekkanika."
>
> "15. Isegwi ghalhekk li meta l-ewwel Qorti ghaddiet biex taghti l-interpretazzjoni gusta ta' dak li l-ligi *de quo* tghid dwar kif jinhadem valur, hija ma kenitx qieghda tassumi rwol legislattiv imma qieghda semplicement tistabilixxi ragjonevolezza u sens bejn artiklu u iehor tal-ligi ghal fini ta' interepretazzjoni korretta fejn jidher li dawn huma mankanti. Il-partijiet fil-kawza ghamlu sottomissjonijiet estensivi in sostenn tat-tezi taghhom. Dan l-ezercizzju sar kemm fin-noti ta' osservazzjonijiet li gew skambjati fil-kors tas-smigh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti fil-proceduri bil-miktub. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-linja ta' hsieb li ghandha tigi segwita u li hi tikkondividi hija sewwa sew dik li giet espressa fil-kawza fl-ismijiet **Vincenzo Spiteri v. Antonio Hili et** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' April 1948, fejn gie ritenut illi,
>
> > "Skond l-Art. 750[13] tal-Kodici ta' Procedura Civili, il-valur ta' immobbli, meta mhux determinat bil-mod imsemmi fl-artiklu ta' qabel dan, jigi determinat mir-renta netta tas-sena ta' qabel moltiplikata 25 darba; u din ir-regola ghandha tigi wkoll applikata, skond is-sezzjoni 2 ta' l-istess artiklu ghall-kaz ta' valur ta' dritt perpetwu ta' ghac-cens, renti jew hlas iehor ta' kull sena, u ghall-kaz ta' valur ta' l-oggett fil-kawza dwar kaducita jew terminazzjoni ta' enfitewsi. B'argument ta' analogija tista' tigi applikata din id-disposizzjoni kif tajjeb issottometta l-appellat; ghaliex f'dan il-kaz id-dritt ta' l-antikrezista kien dak li jesigi l-kera annwali ta' dawk il-postijiet. Veru huwa li f'dan il-kaz id-dritt mhux perpetwu, izda temporanju, u hemm id-disposizzjoni ta' wara li tghid illi l-valur tad-dritt temporanju...jigi determinat fuq l-ammont totali tar-rendita netta ghaz-zmien li jkun fadal; **izda din id-disposizzjoni giet**

[13] Illum Art. 749

> **interpretata minn din il-Qorti in re "Vincent vs Staines" fil-25 ta' Ottubru 1940 u gie ritenut illi dik id-disposizzjoni ghandha tigi moqrija in korrelazzjoni mad-disposizzjoni ta' qabel, ghaliex *invicile est, nisi tota lege perspecta, una aliqua particula ejus proposita, judicare vel respondere*** (L. 24 ff. De Lege). U **ghalhekk, meta jsir il-konfront bejn dawk iz-zewg disposizzjonijiet, wiehed jara x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur fil-materja, illi cioe` ssir il-moltiplikazzjoni ghaz-zmien li fadal kemm-il darba dak ma jghaddix il-25 sena ghaliex diversament ikun assurd illi l-legislatur ried illi ssir il-moltiplikazzjoni ghal 25 sena meta c-cens jew id-dritt ikun perpetwu u mbaghad issir il-moltiplikazzjoni ghaz-zmien li fadal, li jista' ikun anke ta' 140 sena, jekk ic-cens ikun temporanju.** U dan huwa ribadit ukoll mill-fatt illi l-ligi stess tadopera l-istess mod ta' moltiplikazzjoni ghal 25 sena f'kazijiet wisq gravi ta' kaducita` ta' enfitewsi." (enfasi tal-Qorti)

“16. Din il-Qorti fil-fatt lanqas taqbel mat-tezi ta' l-appellanti li donnu l-legislatur ried li jeskludi specifikatament l-istitut tal-lokazzjoni, ghal fini ta' "*capping*", b'mod li, a differenza ta' kazi ta' enfitewsi anke in perpetwita`, fil-kaz ta' kirjiet il-valur jinhadem fuq il-perijodu intier jew rimanenti minghajr ebda limitu ta' xejn. Anzi, bil-maqlub ta' din it-tezi, din il-Qorti hija aktar propensa li tahseb li meta gie promulgat l-Artikolu 750 tal-Kap. 12, il-hsieb regolatur kien dak li normalment perijodu ta' kirja ta' fond ma jaqbizx u ma jkunx itwal minn dak ta' enfitewsi, sakemm ma jkunx hemm mekkanizmu ta' rilokazzjoni awtomatika minn perijodu ghal iehor. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata,

> "Tassew illi l-kuntratt ta' kiri u ta' enfitewsi huma maghzula min xulxin u jaghtu drittijiet differenti, izda hemm bizzejjed xebh bejniethom - aktar u aktar fil-kaz, bhal dak tal-lum, fejn il-kiri huwa ghal zmien twil, tant illi f'certi kazijiet il-kiri jitqies enfitewsi - biex tkun tista' tghid illi l-Art. 749 jghodd ghat-tnejn, u b'hekk tevita li jkollok tasal ghall-konkluzjoni anomala illi kiri jiswa iktar minn enfitewsi."

“Din il-Qorti tinsab ukoll konfortata b'dak li jiddisponi l-Kodici Civili (Kap. 16) fl-Artikolu 1498(1) jigifieri illi,

> "Jekk fond jigi moghti ghal izjed minn sittax-il sena jew b'mod li l-koncessjonarju jista' itawwal iz-zmien tal-koncessjoni ghal izjed minn sittax-il sena u, fil-kaz il-wiehed jew l-iehor, taht kondizzjonijeit li jaqblu izjed mad-disposizzjonijiet ta' l-artikli li gejjin f'dan it-titolu milli ma' dawk dwar il-kuntratt ta' kiri, il-koncessjoni titqies li hija ta' enfitewsi, ghalkemm il-partijiet ikunu tawha isem ta' kiri......."

“U l-legislatur tant ried ikun rigidu fuq dan il-punt li bhala sanzjoni jikkomina li gej,

> "....u din il-koncessjoni hija nulla jekk tigi maghmula xort'ohra milli b'att pubbliku."

"17. Issa l-kwistjoni quddiem din il-Qorti mhijiex dwar il-validita` o meno tal-ftehim milhuq u lanqas dwar in-natura proprja ta' l-iskrittura lokatizja *de quo* pero` certament din il-Qorti ma tistax ma tiehux kont tal-fatt li hawn si tratta ta' koncessjoni li originarjament kienet testendi addirittura ghal zmien ta' tnejn u disghin (92) sena. U ghalkemm l-appellat Registratur tal-Qorti llimita ruhu fir-risposta tieghu ghar-rikors promotorju (ara fol. 46) u jghid li "id-dritt mertu tar-rikors imsemmi gie stabbilit skond Skeda A, Tariffa E, Artikolu 33 tal-Kap. 12 u dan a bazi ta' l-Artikolu 750 tal-Kap. 12" u jieqaf hemm, huwa pero` lanqas joffri spjegazzjoni l-ghala gew skartati l-artikoli l-ohra li jissemmew mill-partijiet jew jekk kienx hemm xi incertezza jew ripensament min-naha tieghu bhal dawk li jissemmew fis-sentenza appellata l-ohra koncernenti r-Rikors numru 21/04 li waslet ghal decizjoni bil-kontra u li minnha (ara fol. 99 *et seq*) jirrizulta li r-Registratur ghall-ewwel hareg taxxa mod (billi uza l-"*capping*") izda, in segwitu, u wara ilment min-naha ta' l-appellanti, ha parir minn Dr. Victor Zammit, bhala "*Director Legal Services*" fil-Qorti, u biddel l-ewwel taxxa. Stranament ukoll, ghalkemm din hija certament prerogattiva tieghu, ir-Registratur lanqas hass il-bzonn li jappella mis-sentenza mertu ta' dana l-appell, lanqas incidentalment u pprefera semplicement jistenna l-ezitu ta' l-appell interpost miz-zewg intimati l-ohra.

"18. In rikapitalazzjoni ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi:

"(i) l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-appellanti setghu, fil-mument tar-rinunzja ghall-patrocinju legali tal-klijenta taghhom, jitolbu taxxa tad-drittijiet professjonali spettanti lilhom, minkejja li l-kawza li huma kienu istitwew f'isem is-socjeta` appellanti kienet ghadha mhux determinata u deciza;

"(ii) li l-ewwel Qorti kienet korretta in kwantu rriteniet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti appellata bhala gusti ghar-ragunijiet li jissemmew fl-istess sentenza u dak li jinghad f'din is-sentenza;

"(iii) li l-aggravji ta' l-intimati appellanti huma konsegwentement infondati u l-appell taghhom ghandu jigi respint.

"Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-intimati Avukati Dottor Hugh Peralta u Dottor Noella Grima bl-ispejjez ta' dana l-appell ikunu interament u solidalment a karigu taghhom."

Fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, din il-Qorti komposta diversament iddecidiet mod iehor u qalet illi;

"Jidher li l-ewwel ilment mressaq mis-socjeta` St. George's Park ma ghandu ebda fondament legali. Infatti l-paragrafu 33 tat-Tariffa E tal-

Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem car meta jghid li "*Jekk Avukat jitlaq il-klient jew jigi abbandunat mill-klient wara li r-rikors, ic-citazzjoni, in-nota tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta tkun giet prezentata ……. Izda qabel ma tigi differita l-kawza ghas-sentenza, jkun intitolat ghal zewg terzi tad-dritt normali.*" Id-dritt normali huwa dak li r-Registratur tal-Qorti jkun jista' jistabilixxi f'dak l-istadju tal-kawza mill-atti tal-kawza skond ir-regoli kontenuti fl-istess Kodici ta' Procedura. Imkien ma jissemma li l-Avukat in kwistjoni ghandu jistenna l-ezitu finali tal-proceduri li taghhom ikun qed jirreklama dak il-kumpens. Lanqas ma hu hekk mistenni minnu tant hu hekk li skond il-prassi avukat iehor ma jkunx intitolat li jassumi l-patrocinju tal-klient hekk abbandunat qabel ma jigu saldati d-drittijiet ta' l-avukat precedenti. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u ser jigi michud.

"**Dwar il-metodu tal-intaxxar.**

"Jidher li hemm qbil bejn il-kontendenti li f'dan il-kaz, fejn il-konvenuti appellati kienu abbandunaw lill-klient qabel ma l-kawza giet imhollija ghas-sentenza, ghandu japplika dak li hemm provdut fil-paragrafu 33 tat-Tariffa E annessa mal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fis-sens li d-difensuri li jkunu hekk abbandunaw lill-patrocinat taghhom ikunu intitolati ghal zewg terzi tad-dritt li jigi ntaxxat a tenur tal-Paragrafu 13 tal-istess Tariffa E. Dan il-Paragrafu 13 jistabilixxi d-dritt tal-avukat ghal kull sentenza definittiva billi jiddetermina dak id-dritt dovut skond il-valur *in causa.* Jinghad f'dan ir-rigward li l-paragrafu 14 tal-istess Tariffa E jiddisponi li "*Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.*"

"Il-kwistjoni mertu ta' dawn il-proceduri tikkoncerna bazikament il-valur tal-kawza billi qed jigi sottomess mis-socjeta` attrici li l-ammonti mehuda in konsiderazzjoni ghall-fini tat-taxxa ma jirrispekkjawx dak li hemm provdut fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi, skond l-atturi, ma nghatat ebda konsiderazzjoni ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 749 tal-Kap 12 meta gew applikati l-Artikoli 750, 755 u 756 tal-istess Kodici. Fil-qosor qed jigi sottomess li sabiex jigi determinat il-valur in kawza, essendo din kawza dwar terminazzjoni ta' lokazzjoni, ma ghandhomx jittiehdu r-renti kollha dovuti ghaz-zmien kollu li jkun fadal skond il-kuntratt ta' lokazzjoni, kif jipprefiggi l-Artikolu 750 izda ghandu jkun hemm "*capping*" kif hemm provdut fl-Artikolu 749 billi r-renta netta ta' sena tigi multiplikata ghal hamsa u ghoxrin darba. Barra minn hekk qed jigi sottomess li ghal dak li hija *penali* l-ammont li gie dikjarat ghal fini tat-tassazzjoni tad-dritt ma kienx skond il-volonta` tal-klient billi r-rapprezentant tas-socjeta` attrici kien esprima l-opinjoni tieghu li din il *penali* ma kinitx ser tingabar.

"**Dwar valur in kawza f'kawzi koncernanti kirjiet.**

"L-Artikolu 750 tal-Kap 12 jiddisponi li l-valur tal-jedd temporanju ghac-cnus, renti, jew hlasijiet ohra ta' kull sena, jigi determinat mill-ammont totali tar-renta netta ghaz-zmien li jkun fadal, billi r-renta ta' kull sena tigi ikkalkulata, meta ma tistax tigi determinata xort'ohra, fuq ir-renta tas-sena ta' qabel. L-Artikolu 755 jipprovdi li fil-kawzi dwar l-ezistenza jew validita` ta' kuntratti ta' kiri, inkella dwar it-tmiem taghhom qabel iz-zmien mifthiem, il-valur jigi stabbilit:- (a) fl-ewwel kaz (cioe` f'kawzi dwar l-ezistenza jew il-validita` ta' kuntratti ta' kiri), billi jinhadd il-kera taz-zmien kollu li ghalih, bhal ma tippretendi l-parti, il-kuntratt ghandu jibqa' jsehh; u (b) fit-tieni kaz (cioe` f'kawzi dwar it-tmiem ta' kuntratti ta' kiri qabel iz-zmien mifthiem), billi jinghad il-kera ghaz-zmien kollu li jkun fadal biex jispicca l-kuntratt. (sottolinear ta' din il-Qorti). Finalment fl-Artikolu 756(1) huwa previst li r-regola migjuba fil-paragrafu (b) ta' l-ahhar artikolu qabel dan tghodd ghall-kawzi ta' zgumbrament ta' kerrej minhabba li jkun baqa' lura fil-hlas tal-kera, jew ghal raguni legittima ohra.

"Qed jigi sottomess mis-socjeta` attrici appellanti li dawn l-artikoli ma ghandhomx jigu applikati b'mod strett u minghajr ma ssir referenza ghal dak li l-istess Kap 12 jipprovdi fir-rigward ta' valur ta' immobbli fejn l-Artikolu 749 jipprovdi ghal *capping* b'multiplikazzjoni ghal hamsa u ghoxrin darba tar-renta netta tas-sena li tahbat l-ahhar billi dan johloq anomalija fil-ligi billi jgieb l-valur ta' kuntratt ta' kiri jissupera valur ta' immobbli.

"Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ghar-ragunijiet segwenti.

1) "L-Artikolu 748 jispecifika li l-valur ta' l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba (a) meta t-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata, jew (b) meta t-talba hija ghall-haga li l-valur taghha hu determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni, jew f'xi kitba ohra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kullhadd, jew bil-prezz kurrenti. Issa fil-kaz in ezami r-relazzjoni ta' bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` Clouds Catering Limited kienet regolata permezz ta' skrittura li mhux biss stabbilit l-kera li kellu jithallas izda ddeterminat ukoll l-perjodu lokatizzju. Jidher ghalhekk li l-valur tal-kawza seta' facilment jigi determinat, ghal finijiet ta' dak li hemm provdut fl-Artikolu 750, billi jinghadd l-ammont totali tar-renta netta ghaz-zmien kollu li kien fadal.

2) "L-Artikolu 749 tal-Kap 12 mhux applikabbli ghall-kaz sottoezami billi dan jitkellem fuq valur ta' immobbli, meta mhux determinat bil-mod imsemmi fl-artikolu precedenti u dan billi hawn qed nitkellmu fuq valur in kawza determinat *fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni* kif previst fl-Artikolu 748.

3) "Minn qari tal-artikoli kollha li jikkoncernaw d-determinazzjoni tal-valur in kawza jidher li l-legislatur iddistingwa bejn diversi kawzi u f'kull kaz stabilixxa l-mod kif dak il-valur ghandu jigi determinat. Hekk per ezempju nsiebu li f'kaz ta' kawza koncernanti *vitalizju* l-valur jigi

determinat mir-renta netta tas-sena ta' qabel immultiplikata ghaxar darbiet. (Art. 751). F'kawzi ta' *manteniment* il-valur tat-talba jkun l-ekwivalenti ta' l-ammont ta' manteniment mitlub bhala dovut ghal hames snin. (Art. 752). Fil-kawzi li jirrigwardaw l-esekuzzjoni ta' *obbligazzjonijiet* li ghandhom jithallsu f'rati, il-valur jigi determinat mis-somma mitluba ghar-rata jew ghar-rati maghluqa sal-gurnata tat-talba. (Art. 753). F'kawzi fejn l-attur jitlob il-*hlas ta' diversi somom* bhala li ghandhom jinghataw lilu ghal ragunijiet diversi, il-valur jigi determinat mill-oghla somma, bla ma jitqiesu s-somom izghar. (Art. 759). Imbaghad l-Artikolu 757 jikkontempla sitwazzjonijiet ta' kiri meta ma jigix allegat li l-kiri sar ghal zmien determinat, fliema kaz jekk il-kiri jkun ta' bini, il-valur jigi determinat mis-somma tal-kera ta' kull rata, jew, jekk il-kiri jkun ta' raba', mil-qbiela ta' sena. Minn dan kollu din il-Qorti tifhem li l-legislatur kien ben konxju tad-diversi kawzi li jistghu jinqalghu u pprovda espressament ghal kull kaz partikolari. Dan jfisser li meta l-legislatur iddispona kif fuq inghad fl-Artikoli 750, 755 u 756, ried li fil-kazi ta' tmien ta' kirjiet u zgumbramenti minn fondi lokati ghal terminu determinat il-valur in kawza jigi determinat bil-mod hemm indikat minghajr ma ssir referenza ghal xi artikoli ohra tal-ligi li jittrattaw relazzjonijiet distinti minn kuntratti ta' kiri. Dan jidher car kemm mill-mod kif inhuma redatti l-artikoli in kwistjoni kif ukoll mid-distinzjoni netta bejn kawzi koncernanti kuntratti ta' kiri u sitwazzjonijiet ohra kif hawn fuq riportati. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-valur in kawza ghal dak li jikkoncerna t-terminazzjoni tal-kirja gie komputat tajjeb mir-Registratur u konsegwentement t-taxxa minnu mahruga f'dana r-rigward ma hijiex affetta minn zball jew xi nullita`."

Din il-Qorti kif komposta filwaqt li tapprezza z-zewg punti di vista u tara validita` fl-argumenti mressqa mill-partijiet u mill-abbli Avukati illi trattaw il-kawza; u wara li hasbet fit-tul, jidrilha li l-interpretazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti f'din il-kawza numru 20/04, u din il-Qorti fl-ewwel sentenza imsemmija tal-4 ta' Lulju 2008 aktar taghmel sens u tirrispekkja l-intenzjoni tal-legislatur. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jistax ikun li tinghata aktar piz (bhala valur ta' mertu ta' kawza) lil xoljiment ta' lokazzjoni milli xoljiment ta' enfitewsi. Fil-fatt kif issemma fis-sentenza tal-4 ta' Lulju 2008, il-legislatur stess, fl-Artikolu 1498 tal-Kodici Civili, stipula car u tond li jekk l-okazzjoni tkun ghal aktar minn sittax-il sena,

dik koncessjoni ghandha titqies li tkun enfitewsi u allura jekk ma ssirx tramite att pubbliku tkun nulla. Dan l-artikolu huwa ukoll applikabbli ghall-hrug tat-taxxa ghad-drittijiet ghaliex il-ligi ma tghidx mod iehor. Is-sentenzi msemmija mir-ritrattandi (**AB v. Mifsud Bonnici noe. Appell 20 08 67 u dik riportata fil-Vol XXVIII Part 1 pagna 523**) citati fid-digriet fil-kawza bin-numru 21/04) jirrigwardjaw espressament ligijiet **fiskali** – ossija dwar taxxi dovuti lill-istat – kwindi mhumix fil-fehma ta' din il-Qorti applikabbli ghal dan il-kaz.

Kif qalet wara kollox din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet **Premier Investments v. Registratur tal-Qorti et**,

> "*Ma jaghmilx sens legalment li jkollok sitwazzjoni fejn kuntratt ta' kiri u kuntratt ta' enfitwesi, li t-tnejn huma ghall-istess zmien, u anke ghal aktar minn 25 sena, ic-cens jigi 'capped' ghal 25 sena, u l-kuntratt ta' kiri ma jigix hekk 'capped', meta suppost li l-kuntratt ta' enfitewsi f'ambitu legali jiswa aktar minn lokazzjoni. Anke l-Kodici Civili jirrikonoxxi li f'certi kazijiet il-kiri ghandu jitqies bhala enfitewsi meta dan ikun ghal zmien twil (Artikolu 1498 tal-Kap, 16). Interpretazzjoni mod iehor tfisser, kif inghad, li jedd temporanju jiswa aktar minn jedd perpetwu. Inoltre anke min-natura tieghu, il-kiri huwa biss* ***ius in personam*** *mentri c-cens hu* ***ius in re*** *u ghalhekk aktar ta' valur. Din il-Qorti mhux qeghda b'daqshekk tikkrea ligi differenti minn dik tal-legislatur. Hija qed tezercita r-rwol fundamentali taghha li tinterpreta u tapplika l-ligi.*"

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi dwar it-tieni talba tar-rikors ghal smigh mill-gdid billi tichad l-istess u allura tikkonferma s-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Lulju 2008.

L-ispejjez tenut kont tar-relattiva novita` tal-kaz ikunu bla taxxa bejn il-partijiet hlief ghal dawk tar-ritrattazzjoni li jkunu a kariku tar-ritrattandi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb